L-Atti tas-Simposju

# Luigi Fontana

*100 sena minn mewtu*

2 ta' Ġunju 2008

Editur: Philip Balzan

L-Atti tas-Simposju

# Luigi Fontana

*100 sena minn mewtu*

Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851

Imniedi fil-15 ta' Novembru 2008
waqt Akkademja Mużikali
mis-St Philip Ensemble.

Pubblikazzjoni
tal-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851
12, Misraħ San Filep, Ħaż-Żebbuġ

© Drittijiet miżmuma. Ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, trasmessa, jew maħżuna f'sistemi komputerizzati, taħt kwalsijasi sura u manjiera, permezz ta' sistemi elettroniċi, jew mekkaniċi, b'fotokupjar, jew b'kull mod ieħor, jekk mhux bil-permess bil-miktub tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851.

Issettjat u stampat minn Bestprint Ltd., Qrendi

*Dedika*

*Lil dawk kollha li ħadmu*
*biex seħħet il-ħolma taż-Żebbuġin*
*li tinħoloq statwa unika*
*ta' San Filep*
*magħmula mill-fidda.*

Il-Kummissjoni Kultura tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851 trodd ħajr lil dawk li għenu biex sar is-Simposju dwar Luigi Fontana u biex jiġi mitbugħ dan il-ktieb, fosthom:

- Is-Sur Toni Cortis
- Dr Godfrey Farrugia u s-Sur Tarcisio Mifsud
- Id-Dott. Marisa Calisti, Dr Albert Ganado, Dr Eugene Montanaro, u Dr Philip Sciortino għad-diskorsi,
- Dr Gerald Bugeja, is-Sur Frans Sammut u Dr Mark Sammut għax-xogħol ta' traduzzjoni,
- Is-sinjuri Philip Balzan, Brian Bonnici, Josef Cachia, Phyllis Chetcuti, Christmark Chircop, Mary Mallia, Salvator Mousù, Agnes Pirotta, John Scerri, Joe Tabone
- Il-lukanda Le Meridien ta' San Ġiljan.

# Werrej


Rapport dwar is-Simposju tat-2 ta' Ġunju, 2008 1
TONI CORTIS

Programm tas-Simposju 4

Luigi Fontana: 100 sena minn mewtu 5
PHILIP SCIORTINO

L-Istatwa ta' San Filep ta' Luigi Fontana fl-inċiżjonijiet u litografiji 13
ALBERT GANADO

L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ 17
EUGENE MONTANARO

Luigi Fontana e L'Arte Sacra, espressione di una verità spirituale 25
MARISA CALISTI

Sehem il-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851
Biex saret l-Istatwa tal-Fidda 35
GODFREY FARRUGIA

Kontributuri 38

Appendiċi I 40

Appendiċi II 46

Appendiċi III 48



Mro: Luigi Fontana Scul: della Statua
d'argento di S. Filippo d'Agira — C. Rohan
1863

# Rapport dwar is-Simposju tat-2 ta' Ġunju, 2008

*Toni Cortis*

Sa mit-twaqqif tagħhom f'nofs is-seklu dsatax, il-każini tal-baned kienu ċentru ta' tagħlim tal-mużika u ta' kultura. L-Għaqda Każin Banda San Filep tul il-ħajja ċentenarja tagħha wriet li kienet dejjem lesta twettaq dak li għalih ġiet imwaqqfa.

Il-Każin San Filep kien minn ta' quddiem jekk mhux ukoll il-protagonista ta' attivitajiet kulturali u ċivili b'xeħta nazzjonali. Kien fi ħdan il-Każin San Filep li ġie organizzat it-tieni ċentenarju tal-patrijott u eroj Dun Mikiel Xerri; kien hawn ukoll u b'inizjattiva tal-Każin San Filep li ġiet ippreżentata x-xabla tal-unur lil Lord Gort wara t-tieni gwerra dinjija. Kien fuq kollox iċ-"Circolo San Filippo" li kmieni fl-1863, laqa' u feraħ lill-"inventore e scultore della statua d'argento di San Filippo d'Agira".

Għalhekk kif wieħed kien jistenna meta jien avviċinajt lis-Sur Philip Balzan, il-P.R.O. tal-Każin, u ipproponejtlu li nfakkru ċ-ċentinarju mill-mewt ta' dan il-bravu artist ħataf din l-opportunità u dak il-ħin stess ikkuntatja lil Dr Godfrey Farrugia, President tal-istess Każin li wkoll għoġbitu l-proposta u qabel li għandha ssir.

F'2004, Dottoressa Marisa Calisti flimkien ma' Stefano Papetti ippubblikat il-ktieb "Luigi Fontana Dal Purismo all'Eclettismo", ktieb b'tagħrif dwar il-ħajja ta' Luigi Fontana, ix-xogħlijiet pittoriċi tiegħu fir-reġjun ta' "Le Marche" u f'Ruma, b'riproduzzjonijiet tagħhom bil-kulur, komplut b'bibljografija essenzjali. Dottoressa Calisti kienet il-persuna ideali kieku kellha tiġi mistiedna biex tagħti taħdita dwar Fontana, issa li kien qed joqrob iċ-ċentinarju tal-mewt ta' Fontana u riesqa l-Festa ta' San Filep.

Twaqqaf Sotto-Kumitat Organizzativ kompost mill-President Dr G. Farrugia, is-Segretarju Tarcisio Mifsud, il-PRO Philip Balzan, Dr Philip Sciortino u Toni Cortis. Saru tliet laqgħat ta' dan is-sotto-kumitat u l-korrispondenza




għaddiet kollha f'idejn il-PRO. Ferħu l-membri tas-sotto-kumitat meta b'ittra elettronika tal-20 ta' April, 2008, Dottoressa Calisti għarrfitna li kienet aċċettat l-istedina "Accetto con piacere l'invito per il convegno relativo al pittore Luigi Fontana". Fil-laqgħa tat-8 ta' Mejju, Toni Cortis ippropona l-ismijiet ta' żewġ kelliema oħra li setgħu jieħdu sehem f'dan is-Simposju: Dr Eugene Montanaro li jaf sewwa l-ġrajja tal-istatwarja, u Dr Albert Ganado, storiku u kartografu ta' fama internazzjonali.

Fil-laqgħa tat-Tlieta 29 t' April, 2008 jiena kont mistieden mill-PRO u qablu miegħu membri oħra biex bħala l-promotur ta' dan is-Simposju nintroduċi l-kelliema u immexxi l-laqgħa, filwaqt li iżżejthom ħajr għarrafthom li kont nagħżel li nagħmel xogħol ieħor. Biex jagħmel dan ix-xogħol ġie mistieden Dr Philip Sciortino li aċċetta bil-qalb.

Iffissajna d-data tas-Simposju għat-Tnejn, 02 ta' Ġunju, 2008 u tlabna lid-Dottoressa Calisti biex tibgħatilna t-test tat-taħdita biex ikun jista jiġi tradott bil-Malti, kif tabilħaqq sar mis-Sur Frans Sammut. Billi kien hemm il-ħsieb li s-Simposju jiġi trasmess dirett fuq ir-radju tal-kumunità tal-Każin, Toni Cortis issuġġerixxa lil Dottor Gerard Bugeja, lettur tat-taljan fl-Università ta' Malta. Bi trasmissjoni diretta u traduzzjoni simultanja minn Dottor Bugeja, dawk li ma kienux preżenti fis-sala tal-Każin setgħu isegwu dak kollu li kien qed jiġri fis-Simposju.

L-għada tal-ħruġ tal-istatwa min-niċċa, nhar it-Tnejn, 02 ta' Ġunju, 2008, fis-sala Mayfair tal-Każin Banda San Filep sar is-Simposju. Laqa' lill-kelliema u 'l dawk preżenti Dr Philip Sciortino li wera l-apprezzament tiegħu għal din

l-inizjattiva kulturali, awgura lill-parteċipanti u għadda biex jintroduċi lil Dr Albert Ganado. F'diskors qasir iżda mimli tagħrif ġdid Dr Ganado tkellem dwar żewġ inċiżjonijiet u żewġ litografiji ta' San Filep, fosthom waħda bilkulur.

Dr Eugene Montanaro wera kif nibtet id-drawwa li fratellanzi jew prokuraturi tal-knejjes jikkommessjonaw statwi imnaqqxa fl-injam jew tal-kartapesta biex jinġarru waqt purċissjoni qalb il-folla. Għal Fontana ma kinetx ħaġa ġdida li joħloq statwa proċessjonali, li kien ġdid hu li din l-istatwa kellha ssir tal-fidda.

Waqfa mużikali meħuda mill-musical "Ir-Rebbieħ" wasslet għall-kelliema ewlenija tas-simposju, id-Dottoressa Marisa Calisti. Din qalet fi kliemha d-diskors li kienet ippreparat u bagħtet minn qabel biex jiġi tradott għall-Malti.

Il-jum ta' qabel Dottoressa Calisti flimkien, ma żewġha, akkumpanjati minn Toni Cortis kellhom l-opportunità iżuru parti mir-Raħal u jassistu għall-għeluq tat-Transulazzjoni tal-istatwa ta' San Filep fil-knisja. "Il-bieraħ kelli l-okkażjoni nżurha (l-istatwa) fil-knisja. Kien għalija mument ta' emozjoni kbira" (Ieri ho avuto occasione di visitarla in chiesa. E' Stato un momento di grande emozione ......"). Għad-Dottoressa Calisti kienu ħinijiet ta' emozjoni u ta' sorpriża. Ma hemmx dubju li Calisti hija midħla tax-xogħlijiet ta' Fontana, tant li tat konferenzi u għamlet studji li ġew ippubblikati. Fil-ktieb tagħha hemm ippubblikat ritratt tal-istatwa u tal-inċiżjoni li għamel Fontana nnifsu; iżda meta għall-ewwel darba, fil-knisja tagħna, ġiet wiċċ imb wiċċ mal-istatwa baqgħet immeraviljata. Quddiem il-kobor tal-istatwa ta' San Filep għarfet il-kobor ta Fontana bħala skultur. Għalhekk ma setgħetx ma żżidx fit-taħdita tagħha, twissija biex aħna ż-Żebbuġin nibżgħu għall-istatwa, nieħdu ħsiebha, nużaw prudenza fit-tindif għaliex kienet "un oggetto prezioso in tutti sensi; prezioso per quello che rappresenta per la città di Żebbuġ ..... prezioso ancora maggiormente per la raffinatezza tecnica con cui e' stato condotto."

Filwaqt li l-istatwa ta' San Filep kienet għal Calisti rivelazzjoni dwar Fontana bħala skultur, min-naħa tagħha Calisti irrivelatilna l-kobor ta' Fontana bħala pittur, u wrietna il-wirt kbir li ħallewlna missirietna u ħeġġitna biex napprezzaw u ngħożżu dan il-wirt.

F'diskors tal-għeluq Dr Godfrey Farrugia – President tal-Għaqda Każin Banda San Filep ta ħarsa panoramika lejn xi attivitajiet li l-Każin San Filep wettaq matul iż-żmien, u wera kif il-Każin ħabrek biex ngħollu dejjem l-isem tagħna ż-Żebbuġin taħt il-ħarsien tal-Padrun tagħna San Filep.

# Programm tas-Simposju

*Luigi Fontana – 100 sena minn mewtu*

taħt il-Patroċinju tas-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ
Is-Sur Brian Bonnici
Fil-Każin Banda San Filep AD 1851

It-Tnejn 2 ta' Ġunju 2008

**Introduzzjoni tas-Simposju**

Dr Philip Sciortino

---

**L-Istatwa ta' San Filep fl-Inċiżjonijiet u Litografiji**

Dr Albert Ganado

---

**Luigi Fontana's Statue of St. Philip at Ħaż-Żebbuġ**

Dr Eugene Montanaro

---

**Xi Statwa Għamilnielu**

Kanzunetta mill-Musical Ir-Rebbieħ

---

**Luigi Fontana e l'Arte Sacra espressione di una verità spirituale**

Dott Marisa Calisti

---

**Għeluq tas-Simposju**

Dr Godfrey Farrugia

# Luigi Fontana:

## *100 Sena minn Mewtu*

***Philip Sciortino***




*Din il-kitba tħejjiet minn Dr Sciortino biex tkun id-diskors tal-ftuħ tas-Simposju tat-2 ta' Ġunju 2008. Minħabba restrizzjonijiet ta' ħin u sabiex jitħalla aktar wisa' għall-kelliema mistiedna d-dottoressa Marisa Calisti, Dr Sciortino qassar minn din il-kitba dakinhar tas-Simposju. Iżda d-direzzjoni deherilha illi f'dan il-ktejjeb għandha tidħol il-kitba sħiħa għall-benefiċċju tal-qarrejja u b'sens ta' ġustizzja ma' Dr Sciortino.*

Niddubita jekk hawnx Żebbuġi li ma semax b'Luigi Fontana. Dan l-isem daħal f'qalb il-poplu Żebbuġi u tħarbex f'moħħu sa minn meta fl-1863 dehret fostna l-istatwa tal-fidda ta' San Filep u ġabet magħha għoġba u tifħir mhux żgħir. Imma kemm minna jafu min kien dan Luigi Fontana? Hu tal-iskantament li ftit li xejn inkiteb lokalment dwar il-ħajja u l-arti tiegħu. Illum grazzi għall-Għaqda Każin Banda San Filep għandna okkażjoni unika għax fostna għandna studjuża tal-arti li fl-opinjoni tiegħi hija l-aħjar persuna li tista' tkellimna dwar Fontana u dwar il-kuntest artistiku u storiku li influenza ix-xogħol tiegħu.

Naħseb li ftit fostna jafu li Luiġi Fontana huwa meqjus primarjament bħala pittur li ħadem kważi esklussivament xogħol reliġjuż u li wiret l-influenza u l-fama tal-imgħallem prim tiegħu, Tommaso Minardi. Matul il-karriera twila tiegħu, Fontana kien jirrappreżenta tradizzjoni artistika li kienet laħqet il-quċċata tal-importanza tagħha u bdiet tnin bil-mod, waqt li tagħmel il-wisa għall-movimenti moderni artistiċi.

F'Diċembru li ġej Fontana jagħlaq 100 sena mejjet, u għalhekk hu xieraq li din is-sena nfakkruh għall-ġenju artistiku tiegħu. Hekk ukoll qiegħed isir f'pajjiżu fir-reġjun ta' Le Marche fl-Italia fejn ukoll sa ftit ilu ma tantx kien magħruf u apprezzat. Ġejt mitlub biex dan id-diskors tiegħi nżommu qasir biex bla ma ntawlu l-programm, inħallu aktar ħin lill-esperta dwar Luigi Fontana. Għalhekk se nillimita ruħi għar-relazzjoni ta' Fontana ma' raħalna. Dan il-ftit tagħrif li se nagħtikom għandu l-iskop li jikkumplimenta diskorsi oħra f'dan is-simposju, b'mod partikulari dak akkademiku tad-Dottoressa Calisti.


*Awtoritratt ta' Luigi Fontana fl-Akkademja ta' San Luqa – Ruma 1905.*

## L-Istatwa ta' San Filep

Għall-ħabta tal-1860, meta Fontana kien għad għandu biss 35 sena, kiseb ix-xogħol tal-istatwa ta' San Filep. X'aktarx kien Tommaso Minardi, l-imgħallem famuż tiegħu, inkella dan flimkien ma' Overbeck li għażlu lil Fontana għal dan ix-xogħol. Fl-ewwel fażi tal-karriera tiegħu, jiġifieri sal-1860, Fontana ħadem għal kollox taħt Minardi. Ta' min jgħid illi qabel Fontana għadd ta' artisti oħrajn ta' ħila, qatgħu qalbhom minn dan ix-xogħol tal-istatwa tal-fidda ta' San Filep.[1] Din l-istatwa ta' San Filep flimkien mal-pittura mal-lunetti tal-koppla tal-knisja ta' San Salvatore in Lauro[2] huma fost l-ewwel xogħlijiet fejn insibu lil Fontana jaħdem kompletament għal rasu, mingħajr ma jidher ma' Minardi. Fl-1864, wara li temm ix-xogħol fil-Palazz tal-Qurinale, insibu lil dan tal-aħħar jistqarr li Fontana kien għamel il-biċċa l-kbira tax-xogħol.[3]

Mhux magħruf b'ċertezza kif iż-Żebbuġin ta' dak iż-żmien għamlu il-kuntatti meħtieġa iżda l-persuna tal-Kanonku Pawlu Pullicino[4] setgħet kienet strumentali għal dan. Dan għaliex huwa magħruf li Pulliċino vvjaġġa ħafna madwar l-Ewropa sabiex jistħarreġ l-aħħar metodi ta' tagħlim. Huwa



*Il-profeta David. Lunetta tal-Knisja San Salvatore in Lauro, Ruma.*

kien dilettant kbir tal-arti u daħħal l-istudju tad-disinn fl-iskejjel primarji u l-istudju tal-istorja fil-kurrikulu tat-taħriġ tal-għalliema ta' dawk iż-żminijiet.[5] Pullicino kellu korrispondenza ma' Overbeck dwar dan is-suġġett[6].

Jingħad li aktar tard, Pullicino ukoll ikkummissjona statwa ta' San Ġużepp fuq disinn ta' Luiġi Fontana. Din illum tinsab fil-Knisja ta' Ġieżu r-Rabat wara li l-Kanonku Pullicino qrib l-aħħar ta' ħajtu fl-1890 taha lill-Fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat. Il-kapitelli tas-Salib tal-fidda li jitqiegħed fuq l-altar il-kbir tal-knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ nhar il-festa ta' San Filep kienu wkoll iddisinjati minn Fontana fl-1870.[7] Huwa magħruf li Fontana ħejja litografija li tirriproduċi l-istatwa ta' San Filep. Din kienet x'aktarx is-santa wżata biex jinġabru l-fondi għall-istatwa tal-fidda.

Fontana li kien pittur aktar milli skultur, irnexxielu jirrifletti l-element reali jew naturali permezz tal-panneġġjar, tat-trufijiet prominenti u tal-moviment. Dawn l-elementi stilistiċi puristi jew rinaxximentali nsibuhom ikellmuna fl-istatwa ta' San Filep. Il-mixja dinjtuża u naturali waqt li San Filep ibierek il-poplu u l-paramenti sagri ikomplu ma' dan il-moviment. It-truf tagħhom isaffu l-istatwa minn kull tiżjin żejjed u iħallu effett qawwi fuq il-bqija tal-immaġini waqt li is-saffi tad-drapp joqtlu il-kesħa tal-fidda. Ir-ras u l-idejn, jesprimu r-realtà tal-qawwa kbira ta' dan il-qaddis '*terror demonum*' u evangelizzatur. L-istatwa m'għandhiex dik ix-xeħta teatrali li tant insibuha fil-barokk.[8] Dan huwa l-puriżmu fl-aqwa tiegħu.

Xogħol ieħor ta' Fontana hawn Malta hija l-pittura tal-Madonna bil-Ġilju li tinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti, oriġinarjament attribwita lil Minardi u datata fl-1862.[9] Għalkemm din għandha l-firma u t-timbru ta' Minardi u

nxtrat mill-bottega ta' Minardi din pittirha Fontana x'aktarx fuq disinn ta' Minardi. Dan kien arranġament bejn Minardi u artisti oħrajn bħal Fontana meta tal-ewwel kien kiber fl-età.[10]

Fl-1858 il-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina kien qiegħed ifittex artist biex jesegwixxi l-pittura tal-koppla wara t-terrimot tal-1856[11]. Dawn ħatru lil Minardi biex jiġġudika d-disinni mressqa mill-artisti ta' dak iż-żmien. Emmanuele Cortis l-istess aġent taż-Żebbuġin f'Ruma fl-1858 insibuh f'kuntatt ma' Minardi dwar dan ix-xogħol fl-Imdina. Il-Kanonku Pulliċino kien ukoll parti mill-Kapitlu tal-Imdina! Ħafna pitturi Maltin tħarrġu taħt Minardi[12] u għalhekk il-konnessjoni miegħu setgħet ġiet minn kemm-il persuna.

## Fontana pittur ċelebri

F'din il-fażi ta' ħajtu, Fontana kien irnexxielu jikseb stil għalih. Stil mibni fuq it-taħriġ klassiku li kiseb iżda li fih daħħal elementi ġodda li jirriflettu r-realtà, waqt li fuq kollox żamm dejjem il-qofol u s-sempliċità tas-sentiment reliġjuz. Għalhekk isibuh jistqarr kif ftit ftit, qabad triqtu, triq li kienet differenti minn dik ta' Minardi. Dan tal-aħħar minkejja li kien disinjatur tajjeb kien batut fil-kulur, ma tantx iħalli l-immaġinazzjoni timraħ u pjuttost jibża' jaqbeż il-linja imposta mir-regoli tal-klassiċiżmu.

Fontana stess jgħid kemm studja lill-artisti Taljani romantiċi kbar tas-seklu ħmistax bħal Reni, Caracci, Domenichino u Correggio. Matul il-karriera tiegħu u aktar ma' kiber fl-età, huwa rnexxielu jżewwaq ix-xogħlijiet tiegħu b'numru ta' stili differenti, skont dak li kellu bżonn fil-kompożizzjoni ta' dak il-progett partikolari.

Tista' tgħid li Fontana għandu numru kbir ħafna ta' xogħlijiet, kważi kollha ta' natura reliġjuża. Dawn jinstabu fi Knejjes, Kappelli u anke Bażiliki ta' Ruma (San Lorenzo a Damaso u Santi Apostoli); Lazio (Tivoli, Montefiasone, u Amelia); iżda l-aktar fil-knejjes



*Il-Kardinal Bonafede jirċievi il-pjanta ta' Palazz mingħand Lorenzo Lotto. Tinsab fil-bini tal-Gvern Lokali ta' Monte San Giusto.*

tar-reġjun ta' Le Marche, pajjiż twelidu (Montalto, Grottazolina, Montefiore u Tolentino).

Medd sewwa idejh għall-immudellar u jingħad li għandu aktar minn mitt statwa u xi qniepen ukoll! Bħala arkitett, irrestawra l-palazz Massimo u l-Palazz Spada ġewwa Ruma u f'Fermo, ħa ħsieb ir-restawr tal-knisja ta' San Duminku u l-Palazz Comunale.

Għalkemm l-aktar li kien magħruf bħala pittur, Fontana wettaq numru ta' xogħlijiet fl-iskultura bħal ornat u statwi li jinsabu fil-Ministeru tal-Agrikoltura u Kummerċ, Palazzo Marignoli u Palazzo Colonna. Ħadem fl-irħam, fil-bronż, fl-injam u anke stukko. Fiċ-ċimiterju ta' Verano, insibu wkoll il-monument funebri lill-imgħallem tiegħu Minardi, xhieda oħra ta' kemm Fontana kien stmat mal-familja Minardi.

Waħda mill-ewwel xogħlijiet tiegħu nsibuha fis-sala tal-inkurunazzjoni fil-Palazz tal-Quirinale. Xogħol fit-tempera, imsemmi *La propagazione del christianesimo e la missione degli apostoli per l' universo*. Din il-biċċa xogħol ingħatat direttament mill-Papa Piju IX lil Minardi, li minħabba l-kundizzjoni ta' saqajh, ma setax jitla' fuq l-armar u għalhekk qabbad jaħdem fuqha lil Fontana. Peress li dan ix-xogħol sar fl-1848 xi 12-il sena qabel l-istatwa ta' San Filep, mhix xi ħaġa kbira li Minardi ma kienx għad baqagħlu s-saħħa li jaħdem ħafna fl-1860!



*Id-dehra ta' S. Ġużepp u l-Bambin lil San Stiefnu, Santa Sinforosa u l-Papa San Simplicio. Osserva x-xebħ tal-paramenti u l-baklu ma' dawk ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ. Pittura li tinsab fid-Duomo ta' Tivoli, Ruma.*

Fontana kellu numru kbir ta' kummissjonijiet fi knejjes importanti. Xhieda mhux biss tal-ħila tiegħu, iżda ukoll tal-patrunaġġ qawwi li kien iġawdi mal-awtoritajiet tal-Knisja.

## Kritika

Bħal kull artist imqabbad, qala' l-kritika, sewwa dik pożittiva kemm dik negattiva.

Fontana bla dubju ta' xejn kellu l-ħila li jżewwaq numru ta' stili differenti u juża l-kulur b'ċerta vivaċità daqs il-pitturi tas-Seklu 15. Fuq kollox kien

l-artist li esprima r-rinaxximent bil-kobor tiegħu, fil-qasam tal-arti sagra. Kellu l-ħila jidħol fl-oqsma kollha tal-arti bil-pittura, skultura, arkitettura u teknika differenti bħall-affresk, iż-żejt, u l-injam kif ukoll fil-ġibs fil-qasam tal-iskultura kemm dik ornamentali u kemm dik figurattiva. Ħasra li ma tantx inkiteb fuqu, sempliċiment għaliex l-arti sagra pproduċiet tant pitturi oħra.

Jingħad li tant kien prolifiku, li wħud mix-xogħlijiet tiegħu m'humiex mirquma biżżejjed l-aktar dawk li saru qrib l-aħħar tal-karriera twila tiegħu.

Kritika oħra kienet dik li Fontana rrepeta elementi minn fuq xogħol għal fuq ieħor. Din issibha kemm-il darba, anke meta wieħed ixxebbaħ l-istatwa ta' San Filep u l-pittura li nsibuha fid-Duomo ta' Tivoli. Hemm xebħ kbir bejn San Filep u l-evenġelista San Mattew fil-Knisja ta' Grottazolina, raħal żgħir f'Le Marche. X'aktarx dawn ix-xogħlijiet saru wara San Filep, peress li San Filep kien wieħed mill-ewwel proġetti kbar tiegħu. X'aktarx li kien qed juża l-istess mudell għaż-żewġ xogħlijiet! Iżda l-aktar raġuni importanti hija li Fontana kellu limitazzjonijiet kif seta' jirrappreżenta personaġġi maħsuba għall-kult reliġjuż. Dawn ir-regoli jew aħjar konvenzjonijiet kienu imposti mill-Knisja ta' Ruma fuq l-arti sagra kollha.

Wieħed ma jistax ikun oġġettiv dwar din il-kritika mingħajr ma jiżen il-kuntest kollu ta' dawk iż-żminijiet. Għall-finijiet ta' dan id-diskors wieħed jista' jieqaf hawn.

Fontana għadda minn żmien fejn ra taqlib kbir fl-arti. L-arti sagra tilfet ħafna mill-importanza li kellha qabel. Bdew deħlin movimenti li qalbu radikalment il-ħsieb dwar x'inhi u x'inhu l-iskop tal-arti. Ħafna mir-regoli akkademiċi twarrbu sabiex l-arti setgħet tesprimi dawn iż-żminijiet ġodda fejn is-sentiment għamel il-wisa' għar-realtà, il-forma twarrbet f'ġieħ id-dinja moderna u l-inkwiet ġdid li ġabet magħha. Matul il-karriera twila tiegħu dan il-pittur sab ruħu sinonimu ma' żminijiet oħra. Fontana baqa ma biddel xejn forsi għax din kienet l-arti li ħaddan darba għal dejjem.[13] Jibqa' magħruf bħala artist neoklassiku permezz ta' xogħlijiet tiegħu madwar l-Italja kollha, fl-iskultura, fil-pittura fuq it-tila biż-żejt u t-tempera, arkitett u anke bħala restawratur.

Luigi għex Ruma sa ma' fl-1896 ta' 70 sena irtira mix-xogħol u mar lura lejn raħal twelidu fejn miet ta' 81 sena fis-27 ta' Diċembru 1908. Huwa jinsab midfun fiċ-Cimiterju tal-post fil-qabar tal-familja imżejjen bl-Anġlu tal-Qawmien.

Illum Fontana għadu *mhux* magħruf ħafna, għalkemm fir-reġjun tiegħu,

dak ta' Le Marche hemm numru ta' rħula żgħar li għandhom toroq imsemmijin għalih. Jidher li l-familja tiegħu flimkien ma' xi kritiċi tal-arti qed jagħmlu ħilithom biex ifakkru il-mitt sena mill-mewt tiegħu. Ħaż-Żebbuġ ukoll ma jinsiex lil Fontana, wara li kien laqgħu tant tajjeb meta ġie fostna jakkumpanja l-istatwa tal-fidda ta' San Filep[14] li kien ħadem apposta għalina.



*Dettall minn La Natività del Signore. Bażilika ta' San Giovanni in Laterano, Ruma.*

Noti u Referenzi

1 Ciccioni, Mons Giovanni. Luigi Fontana e le sue Opere. Fermo 1928. pġ 111.
2 Knisja f'waħda mill-Parroċċi ta' Ruma mmexxija mill-Pio Sodalizio tal-Piceni fil-Marche fejn San Filep tbierek u nżamm għal tlett ijiem qabel ma qabad triqtu għal Malta.
3 Petri. P, Le Scienze e le Arti sotto il Pontificato del Pio IX Ruma. 1863.
4 Professur tat-Tagħlim Primarju fl-Università ta' Malta. Pjunier fir-riforma tat-tagħlim u direttur tal-Edukazzjoni 1850–1880. Iben it-Tabib Pullicino, joqgħodu fi-Triq il-Parroċċa Ħaż-Żebbuġ.
5 Pullicino, P. (1852): Secondo Rapporto sulla Educazione Primaria nelle Isole di Malta e Gozo. Malta.
6 Fondo Pullicino Università ta' Malta.
7 Ciappara Dun Salv. *Storia del Zebbug e sua Parrocchia* pg 95 1882.
8 Antonio Espinosa Rodriguez pg 23. L-istatwa tal-Fidda ta' San Filep 1988, Dun Sal. Caruana.
9 Kommunikazzjoni personali: Marisa Calisti April 2008.
10 Infromazzjoni direttament mingħand Dott. Marisa Calisti bbażata fuq riċerka fl-arkivji tal-Familja Fontana fejn instabet irċevuta ta' Fontana għal dan ix-xogħol li wettaq f'isem Minardi.
11 The Painting of the Cathedral Dome at Mdina. Antonio Espinosa Rodriguez. Proceedings of the History week 1986 The Malta Historical Society.
12 Pietru Pawl Caruana (1794–1852) pitter it-titular ta' Bormla fl-1828 fost l-ewwel Matin li studjaw taħt Minardi: Bonnici Giuseppe 1835-1900; Caruana Raffaele 1820-1886; Falzon Antonio 1805-1865; Cortis Carlo Ignazio 1826-1900.
13 Calisti M., Papetti S., Luigi Fontana. Dal purismo all'eccelettismo.
14 Ħajr lil Toni Cortis tal-inkuraġġiment u l-editjar. Dott Maris Calisti għal uħud mir-ritratti.




*L-eqdem inċiżjoni ta' San Filep*

# L-Istatwa ta' San Filep ta' Luigi Fontana fl-inċiżjonijiet u litografiji

***Albert Ganado***




Mill-qaddisin kollha, l-aktar waħda li tinsab rappreżentata fi stampi Maltin hija l-Madonna, u meta ngħid stampi qiegħed ninkludi inċiżjonijiet fuq l-injam jew il-metall, u litografiji minn fuq il-ġebla li kienu bdew isiru biss fis-seklu dsatax.

Insibu wkoll numru mhux ħażin ta' stampi li juru kemm San Pawl u kemm San Publiju, filwaqt li niltaqgħu wkoll xi kultant ma' stampa li tirraffigura xi qaddis ieħor, bħal, per eżempju, San Kalċedonju jew San Ivo, il-protettur tal-Avukati. Forsi l-aktar waħda antika minn dawn turi lil San Vinċenz Ferreri f'xena sabiħa inċiża mill-Malti Marius Schembri li tmur lura għas-seklu tmintax, għalhekk fis-sena 1761, saret inċiżjoni tal-Kardinal Beatu Gregorio Barbarigo ffirmata mill-Malti, Johannes Carolus Mallia.

Iżda s-suġġett tagħna llum huwa San Filep. Saru stampi li juru dan il-qaddis? Ir-risposta hi affermattiva. L-iktar inċiżjoni antika li naf biha tpinġi lil San Filep qed joqtol lix-xitan. It-titolu tagħha hu:

*Sanctus Philippus Argyriensis Cocodaemonum / Exterminator Melite Loci Zebbug Protector / et Patronus Tutelaris*

Din l-inċiżjoni mhix iffirmata, iżda kienet tinbiegħ *Presso Gae[tano] Scafa Strada S. Biagio de Librari N: 107.*

Kif jaf kulħadd, l-istatwa sabiħa tal-fidda ta' San Filep li saret f'Ruma mill-artista skultur Luigi Fontana (1827–1908) waslet Malta fl-1863. Fit-22 ta' Ottubru 1863 deher artiklu li jfaħħar il-ġmiel tagħha fir-rivista *L'Arte*, aktarx



miktub mill-magħruf Dottor Nicola Zammit għalkemm mhux iffirmat.

Għall-okkażjoni ta' meta saret din l-istatwa, probabbilment fl-istess sena tal-1863 ġewwa Ruma, saret inċiżjoni tal-istess statwa bil-pedestall tagħha minn Nicola Sangiorgi (attiv 1844–1863). Difatti, l-iskrizzjoni fil-qiegħ tal-istampa tgħid hekk:

L. Fontana inv[enit] e[t] sculp[sit] – N. Sangiorgi inc.

L-inċiżjoni tal-qaddis mhijiex żgħira u fiha 28.2 x 15.8 ċentimetri. Aktarx li nġibdet aktar minn impressjoni waħda mill-pjanċa tal-inċiżjoni għax il-karta stampata mhix dejjem l-istess.

Milli jidher kien hemm xi żmien meta din l-inċiżjoni nbiegħet kollha u għalhekk hawn Malta saret litografija tal-istatwa, kopja eżatta tal-inċiżjoni li kienet saret Ruma. Din il-litografija, jiġifieri disinn li jiġi stampat b'mezzi kimiċi minn fuq ġebla, hi ffirmata *LIT. BONAVIA – MALTA.* Dan ifisser li kienet ġiet magħmula u stampata fl-istabbiliment litografiku mwaqqaf minn Paolo Bonavia li ġieli ddata l-litografiji tiegħu 1901. Jista' jkun però li l-litografija ta' San Filep saret ħafna wara għaliex fuqha m'hemmx l-inizjali ta' Paolo, iżda biss isem id-ditta. Din il-litografija hi kemm kemm aktar mill-inċiżjoni, jiġifieri 28.4 x 16.2 ċm, ftit millimetri żejda.

Iżda hemm litografija oħra iktar antika, b'kuluri sbieħ ħafna, ippubblikata mid-ditta famuża Turgis ta' Pariġi, li kellha wkoll stabbiliment fi New York. (Ara illustrazzjoni paġna 23). It-titolu ta' din il-litografija hu:

*SAN FILEPPO D'ARGIRÒ / Patrono della chiesa arcipretale della C. Rohan in Malta.*

Il-firma u l-indirizz tal-istampatur jinqraw hekk: *Paris, L. Turgis, J[eu] ne Imp.r Editeur, r. des Ecoles, 80, et à New-York, Leonard St. 83.* Il-kuluri brillanti huma mdawlin bil-gomma arabika u b'hekk jiġu jleqqu kontra d-dawl, teknika li kienet użata ħafna fuq il-litografija tas-seklu dsatax. Il-qisien tal-litografija huma 290 x 220 ċm.[1]

Il-litografija ta' Turgis tifforma parti minn serje sħiħa ta' litografija u hi mmarkata bin-numru '482'. In-numru '479' u '480' tal-istess serje jirrappreżentaw lil S. PUBBLIO MARTI[IRE] PRIMO VESCOVO DI MALTA, kuluriti bl-istess teknika, li turi li l-eżemplari li qed jiġu deskritti huma ta' xi edizzjoni *di lusso*, għaliex jien għandi anke numru '479' b'kuluri ferm differenti u mingħajr gomma arabika.

Dawn il-litografiji huma kollha bla data, iżda saru probabbilment bejn l-1865 u 1870. Difatti, kien bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien li Turgis ippubblika serje oħra kulurita ta' *PORTS DE MER D'EUROPE* li fiha hemm veduta tal-port il-kbir ta' Malta bit-titolu Franċiż u Spanjol *MALTE / Vue prise de la Mer – MALTA / Vista tomada del Mar.* L-indirizz ta' Pariġi huwa l-istess, iżda ta' New York hu 'Duane St. 78.'

Dan hu kull ma rnexxieli nsib s'issa fuq l-istampi tal-istatwa prestiġjuża ta' San Filep li tagħmel ġieħ liż-Żebbuġin.

[1] *Ara illustrazzjoni f'paġna 25.*



# L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ

***Eugene Montanaro***




Nixtieq f'dan l-artiklu nieħu ċerti aspetti li huma biex ngħid hekk. singulari għall-istatwa proċessjonali ta' San Filep li għamel Luigi Fontana għal Ħaż-Żebbuġ.

Fid-dizzjunarju "Degli Scultori Italiani dell'Otto Cento" kompilat minn Alfonso Panzetta u ppubblikat fl-1990, jiġifieri mhux antik wisq, anzi pjuttost riċenti, taħt "Luigi Fontana" naqraw dan il-paragrafu li naħseb iferraħ il-qlub ta' kull min iħobb l-iskultura hawn Malta. Dan il-paragrafu dwar Luigi Fontana jgħid hekk:-

*"Autore di monumenti funerari e di sculture processionali religiose e di queste ultime sono da ricordare la statua di San Filippo di Aggirio a Malta e le quattro virtù serafiche nella Chiesa dei Santi Apostoli a Roma"*

Dan ifisser li l-istatwa ta' San Filep qed isemmiha b'mod li għandha ċerta importanza, l-istess awtur jinformana li Luigi Fontana kien pittur u inċisur li studja ġo Macerata bejn 1838-1841 u wara taħt is-superviżżjoni ta' Minardi fl-Akkademja ta' San Luqa ta'Ruma, hu, jiġifieri Luigi Fontana stabbilixxa l-istudju tiegħu ġewwa Ruma definittivament fl-1850. L-istatwa ta' San Filep ta' Agira kienet lesta fl-1863. Il-kummissjoni tagħha kienet imsemmija fl-*Osservatore Romano* tal-21 ta' Lulju, 1863. Din hija ħaġa singolari. Naħseb li qatt f'Malta, statwa titolari ma ġiet imfakkra b'dan il-mod. L-*Osservatore Romano* jgħid hekk:-

*"Il casale di Zebbug – nell'Isola di Malta, chiamato ora Citta Rohan, avendo specialissima devozione a S. Filippo d'Argiro', prete Siro discepolo di S. Pietro, che evangelizzo' la Sicilia e Malta (din forsi mhix korretta għall-aħħar) ne ha commesso una statua in argento a Luigi Fontana di Montesanpietrangeli, valoroso pittore e scultore, che ha suo studio nel collegio piceno."*

Dan il-ġurnal prestiġjuż dejjem qiegħed ngħid għall-*Osservatore Romano*, jinfurmana wkoll u din hija ħaġa singolari oħra, li din l-Istatwa ġiet imbierka *niente di meno* minn Piju IX, (Giovanni Maria Mastai Ferretti), il-Papa li beda liberali imma mbagħad sar konservattiv kif jaf kulħadd. Imma forsi l-aktar ħaġa importanti li jgħidilna l-*Osservatore Romano* hija din is-sentenza għax naħseb tiġbor fiha l-importanza estetika u artistika ta' din l-istatwa:

"*È finita da tutti i lati perchè ogni anno deve essere portata in giro processionalmente entro apposita macchina*". Din is-sentenza toħodna fil-qalba ta' din il-komunikazzjoni qasira. U nibda biex ngħid forsi, hawn xi *raison d'etre* li jiena qed nagħmel din il-kitba qasira? Wara li ngħidu kollox, mhux kull villaġġ u belt ġo Malta għandha statwa proċessjonali tagħha biex tiftaħar? Imbagħad fuq kollox, jiena żgur li kulħadd fostkom jista' jgħallimni mill-A saż-Ż dwar l-istatwa ta' San Filep. Inutli noqogħod nirrepeti dak li nkiteb diġa minn bosta awturi Żebbuġin inkluża l-istorja li qalilna Dr Sciotino. Pero nista' ngħid b'mod umli li l-istatwa ta' San Filep ġo Ħaż-Żebbuġ għandha ċertu importanza fl-iżvilupp storiku ta' ġeneru tal-istatwi proċessjonali f'Malta.

Il-fatturi prinċipali huma l-ingredjenti sofistikati taljani li huma konnessi jew li ġabu l-kummissjoni fi tmiem tagħha u donnhom jitkellmu għalihom infushom. Pero' forsi biex niftehmu ftit aħjar dwar dan il-punt għandna ngħidu xi ħaġa dwar il-kontest ta' dawn l-istatwi f'Malta, li saru jifformaw parti ntegrali mill-wirt skultorju tagħna.

Nibdew forsi biex ngħidu jew infakkru li l-mibki kavalier Vinċenzo Bonello jirrefieri għalihom bħala *"Fine portable Statues (vari) belonging to our Churches."*

Ngħidu xi ħaġa żgħira dwar min kien jikkummissjona dawn l-istatwi. Għax irridu ngħidu li dawn l-istatwi kienu jiġu kkummissjonati minn konfraternitajiet u min-nies komuni minn fost ulied il-poplu fl-ibliet u rħula tagħna. Kien hemm unanimità ta' veduta dwar il-fidi tagħhom, u dina rridu noqogħdu ftit attenti hawn, jekk forsi wieħed jaqra dwar l-effetti

tar-Rivoluzzjoni Franċiża meta statwi ta' din ix-xorta sparixxew mill-Ewropa. Dan il-patronaġġ ma nistgħux nispjegawh jew nieħdu posizzjoni ta' spjegazzjoni klassika li dawn in-nies kienu njoranti u fqar u allura kienu jinqabdu mal-Knisja u mal-Fidi. Irrid infakkar li l-poplu tagħna kien jiftaħar bil-kultura reliġjuża ta' pajjiżu hekk ukoll illi l-knejjes parrokkjali tagħna kif ukoll dak kollu li kien jgħammarhom inklużi l-istatwi, kienu jistabbilixxu biex ngħid hekk l-"*major feature*" tal-identità Maltija, unità bejn il-Fidi Nisranija u l-kultura Nazzjonali, qisu per eżempju l-Pollakki taħt il-komuniżmu meta kienu jgħidulek u jiddeskrivu ruħhom – jiena Pollak Kattoliku. Terġa fi żmien assolutiżmu, il-Maltin kien jsibuha ħaġa espedjenti u wkoll mhux ta' perikolu li jesprimu s-sentimenti tagħhom, ta' identità nazzjonaili, kif ukoll ta' identità ċivika, primarjament fil-letteratura u fl-arti viżwali.

Qiegħed nipprova nagħti dan l-isfond biex naslu naraw għaliex din l-istatwa ta' San Filep għandha din l-importanza kollha fir-rwol skultorju ta' pajjiżna.

Bejn wieħed u ieħor il-ġeneru tal-istatwi proċessjonali tagħna huwa mibni fuq it-tradizzjoni tat-tinqix fl-injam u ħaġa kurjuża li dan il-ġeneru ta' skultura polikroma fl-injam kienet tnisslet mit-tradizzjoni u kważi taf l-iżvilupp tagħha kompletament lill-botteghi mgħammrin mill-familji, membri tal-familji li rnexxilhom ikomplu t-tradizzjoni tagħhom jew il-belt jew fil-bliet madwar il-Port il-Kbir u dan mill-bidu tas-seklu 17. U mbagħad wara li raqdet ftit, reġgħet bdiet tiffjorixxi lejn 1790, meta it-tradizzjonijiet antiki adattaw ruħhom għal stil ġdid tal-'*figure sculpture'*, meta l-iskultura tal-figuri ġiet iktar ħajja u eleganti.



*San Pietru jidher lil San Filep waqt maltempata fi triqtu lejn Ruma.*

Dawn l-osservazzjonijiet fil-qosor dwar l-iżvilupp tal-

ġeneru tal-istatwi proċessjonali f'pajjiżna, jgħinuna biex napprezzaw aħjar il-karatteristiċi speċjali tal-kummissjoni li qed nitkelmu dwarha u nidħlu għalhekk l-ewwelnett, il-*medium* minn x'hiex hi magħmula l-istatwa: l-fidda.

Għandha rikkezza tal-materjal, li hu l-fidda. Fejn dari kienu jsiru fl-injam, issa għandna medjum eċċezzjonali li hu l-fidda li jidhirli huwa uniku f'pajjiżna. Dwar l-Istatwa aħna diġà għidna fil-bidu li l-qalba ta' din il-kummissjoni huwa l-fatt li Fontana ġie kkummissjonat biex jagħmel statwa proċessjonali u hawnhekk issa niġu għall-aħjar deskrizzjoni li sibt tal-istatwa, apprezzament artistiku li insibuħ *f'Osservatore Romano*.

*"Essa poggia sopra ricco piedistallo di metallo dorato, ed e' alta ben nove palmi. Ha testa, mani e piedi di argento in getto, il restante e' di legno ricoperto da lastra d'argento battuto. E' finita da tutti i lati perchè ogni anno deve essere portata in giro processionalmente.*
*Il Santo vestito dell'antico ampio pianeta con sottoveste di lino e stolone greco e' in atto di benedire predicando al popolo, mentre con la punta del bordone schiaccia la testa del serpe infernale che ha ai piedi.*
*Bello e imponente n'e' il concetto, cui l'artista ha dato vita; bello e ragionato il disegno specialmente nella testa; accurata l'esecuzione, benche` fosse assai malagevole nelle parti ricoperte dalla piastra metallica."*

Naturalment il-kummissjoni ġiet ukoll imfakkra f'ġurnali lokali ta' dak iż-żmienijiet, bħal '*L'Ordine*', *L'Osservatore Romano* u kif qal tajjeb Dr Albert Ganado ġiet imfaħħra f'*L-Arte* aktarx minn Dr Nikola Zammit. Issa hawnhekk irridu ngħidu li l-iskultura



*L-ordinazzjoni presbiterali ta' San Filep*

jista' jkollha funzjoni kemm funzjonali u anke ornamentali. Is-sbuħija ta' din il-figura b'id li qiegħda tbierek tikkonsisti fil-kombinazzjoni tad-dinjità umli tagħha u fil-moviment grazzjuż tagħha, imma dejjem tibqa' figura proċessjonali.

Tidher fl-aħjar tagħha, meta tidher titbandal b'emozzjoni li jkollha fiha meta tkun qiegħeda tinġarr fil-purċissjoni, il-għaliex b'dak il-moviment l-istatwa tieħu l-ħajja u l-istatwa mhux ornamentali imma hija statwa li għandha funzjoni speċifika u għal din il-funzjoni speċifika hija għandha d-doni kollha li jagħmluha u jagħtuha dan l-attribut tant important għall-iskop li kienet intenzjonata u ma għandniex xi ngħidu li l-mertu ta' dan kollu għandu jmur għand Fontana.

Irrid ngħid ukoll, illi ħaġa oħra singolari għal din l-istatwa proċessjonali, l-istatwa ta' San Filep illi hija li ssib menzjoni f'publikazzjonijiet barra minn Malta. Mhux biss f'publikazzjonijiet imma kif jgħid tant tajjeb Dr Albert Ganado anke fl-litografiji u f'inċiżjonijiet u dana għal statwi proċessjonali ma tantx hija ħaġa komuni f'Malta.


San Filep ikeċċi x-xjaten minn wieħed invażat.

Għamilt enfażi, forsi żżejjed, fuq l-element barrani ta' din l-istatwa u ma rridux ninsew żewġ affarijiet. L-ewwelnett li kienu n-nies ta' Ħaż-Żebbuġ li kkummissjonawha u li kien il-poplu Żebbuġi li ħallasha u dan sar b'ċertu sagrifiċċju, naqraw fl-*Ordine* u fl-*Arte*. Hawnhekk fost dawk li tħabtu kien hemm il-Każin tal-*Banda di San Filippo* kif ikkonfermat mill-Arċipriet ta' dak iż-żmien permezz ta' ittra ta' ringrazzjament għax-xogħol kbir li sar biex inġabru l-flus minn fost il-poplu Żebbuġi. Però kien hemm personaġġi wkoll li kienu ta' ċerta portata, fosthom il-Kanonku Pawlu

Pullicino, li kien Direttur tal-Edukazzjoni u kien jikkorrispondi ma' Minardi u ma' Overbeck. Dawn kienu Maltin li kellhom din il-konnessjoni ma' artisti barranin u b'hekk setgħet tissaħħaħ din il-kummissjoni b'dawn l-ingredjenti nternazzjonali.

Irrid insemmi wkoll punt ieħor importanti: illi din l-Istatwa għandha konnessjoni mal-ġenju ta' Artist Malti ieħor kbir, irrid ngħid ma' Francesco Saverio Sciortino ħu Antonio Sciortino, għaliex kien huwa li mmudella u ddisinja l-panewijiet għall-bradella u l-bankun tal-istatwa ta' San Filep. Għalhekk din l-Istatwa għandha element Żebbuġi qawwi wkoll. Ma hijiex ħaġa li għandha x'taqsam biss ma' talent barrani, imma għandha wkoll l-aħjar talent tal-Artist Malti wkoll. U dan kien iben minn Ħaż-Żebbuġ.



*Il-mewt u l-glorja ta' San Filep*




*Litorgrafija ppubblikata fi New York fid-dsatax-il seklu*



*Luigi Fontana, 'Lavanda dei piedi agli apostoli', fil-knisja tal-Madonna tar-Rużarju fi Grottazzolina, Italja.*

# Luigi Fontana e L'Arte Sacra, espressione di una verità spirituale

***Marisa Calisti***




*L'ispirazione religiosa ha caratterizzato l'opera pittorica di Luigi Fontana. Conoscere l' identità storica del suo tempo e le drammatiche lacerazioni che sono state alla base di scelte spirituali difficili e contraddittorie, riflettere sulla temperie di accadimenti che demolivano certezze e scatenavano il dubbio, consente equilibrio di giudizio. Restituire all'artista Luigi Fontana la sua piena dimensione culturale anche quando sollecitazioni estetiche mi inducono altrove è restituire alla conoscenza il suo valore etico.*

Il 29 marzo del 1827 nacque Luigi Fontana a Monte San Pietrangeli.

Tra il 1838 fu allievo di Gaetano Ferri, professore di architettura e ornato, quindi del pittore Gaetano Palmaroli, pittore di formazione romana e accademica, che a quel tempo, dopo essere tornato dalla Spagna, si accingeva a decorare a Fermo il palazzo dei Conti Vinci; qui Fontana fu iniziato all'arte della pittura.

Questo apprendistato artistico proseguì sul finire degli anni '40 a Roma dove arrivò giovanissimo, raccomandato dal cardinal De Angelis di Fermo a Tommaso Minardi. Dal punto di vista della sua formazione il soggiorno romano rappresentò il momento cruciale.

Roma significava la "città della storia" ed era allora uno dei massimi poli del mondo artistico europeo, con le sue accademie d'arte che favorivano gli incontri fra gli artisti d'ogni paese dimoranti nella capitale, con le sue

periodiche mostre, premi e concorsi, e Minardi era il più grande disegnatore dell'epoca.  Minardi rappresentava un punto di riferimento, un grande esempio di impegno spirituale e intellettuale. Esponente della pittura romana e di quel singolare periodo che fu il purismo,  seppe contenere le istanze di rinnovamento espresse dagli studenti di belle arti contrapposte al conservatorismo dell'Accademia.

Discepolo serio ed attento dell'Accademia di San Luca, Fontana seppe imporsi nel giro di brevissimo tempo all'attenzione del maestro a tal punto che, cadendo malato e costretto a fare ritorno in patria, dove si fermò per quasi tre anni, Minardi si "dié di rimando a raccomandarlo a quel Cardinale - come ci annota l'Ovidi - affinché gli procurasse ogni mezzo  per farlo ritornare a Roma, essendo questo suo allievo, per "divenire certamente un artista simile ai nostri antichi, cioè pittore, scultore ed architetto".

Negli anni '50, conclusosi i moti del '48 con la restaurazione del governo pontificio e il sogno deluso di un neoguelfismo moderato, Minardi, che dichiarò la propria fedeltà al papa e alla religione, divenne oramai l'artista ufficiale della chiesa. Si moltiplicarono le committenze pubbliche e, benché malato, pose mano a dipinti fino allora rimasti incompiuti. Fontana tornò a Roma.



*Tommaso Mirardi, 'Propagazione del Cristianesimo', Roma, Palazzo del Quirinale.*

Tra il maestro e l'allievo si instaurò una stima, un affetto e un sodalizio che, se pure animato da qualche contrasto, tuttavia durò fino alla morte del Minardi sopravvenuta nel 1871. E' documentata da molti l'intera esecuzione di Fontana, sotto la regia di Minardi, della grande tempera del Quirinale *La propagazione del Cristianesimo,* ovvero la *Missione degli Apostoli,* ultimata intorno al 1864.

Il clima spirituale dei tempi fu segnato dalla Chiesa e dalla sua risposta all'avanzare del pensiero laico, ci fu la complessa macchina iconografica che personaggi come Minardi, con l' *Allegoria della Chiesa Cattolica* e *L'Allegoria del Pontificato di Pio IX*, misero in atto assecondando la volontà delle curia, ma il connubio tra l'arte e il mondo della morale fu confortato anche da una pietà religiosa autentica e non formale che, alla severa luce del Sillabo, si tradusse nel tentativo di alcuni artisti di applicare alla pittura sacra ed anche storica quel "principio di verità inteso come presupposto per un rinnovamento dell'arte".

Quando Fontana realizzò nel 1862 (a quell'epoca aveva 35 anni), la preziosa statua del presbitero siro *Filippo d'Argirio*, per la comunità di Żebbuġ e l'immagine venne sottoposta al giudizio della commissione costituita da Minardi e Overbech e fu approvata con plauso, egli era già un artista affermato che portava a termine, su commissione del fermano Monsignor Matteucci, potente prelato della curia romana, gli affreschi dei *Profeti* in *San Salvatore in Lauro*.

Aveva già presentato al reverendissimo Capitolo di San Lorenzo il progetto per le decorazioni della chiesa Collegiata di Monte San Pietrangeli, ultimando nel 1862 le pitture del coro mentre ottemperava ad una serie di incarichi di destinazione pubblica e privata tra Tolentino dove lavorò nel Santuario di San




*Luigi Fontana, 'I profeti Ezechiele e Mose', Roma, chiesa di San Salvatore in Lauro*

Nicola con *La visione di Ezechiele,* a Fermo, con *La Madre del divin Pastore* e *San Giuseppe con Gesù Bambino* per la Chiesa dei Cappuccini.

Sono tutti lavori di vicina ascendenza minardiana.

L'iconica raffigurazione del santo protettore di Żebbuġ , pregevole nell'esecuzione e nella forma, si colloca al culmine delle possibilità puriste, per l'incedere maestoso nell'unità di azione, "nel sentimento di una fede che nasce rigogliosa sulla superbia del mondo", come dissero i cronisti di allora, ma con istanze più narrative, le stesse che attraverso una ricchissima e delicata trama cromatica, descrivono del *profeta Isaia,* in San Salvatore in Lauro, solitarie e insondabili meditazioni.



*Luigi Fontana, 'Il Profeta Isaia' Roma, chiesa di San Salvatore in Lauro*

## L'attività romana

Sul finire degli anni Sessanta Fontana gode a Roma della importante committenza ufficiale. In Sant'Angelo in Pescheria, Fontana dipinge la volta con *La Caduta degli Angeli ribelli*, per il convento dei Santi Apostoli, aveva realizzato due grandi tempere per l'Accademia della Concezione rappresentanti *La Vergine Immacolata* e *I Santi Apostoli Pietro e Paolo con in basso il loro martirio*.

L'impresa decorativa totalmente autonoma nel suo dinamismo compositivo, è del 1870 quando Fontana sottoscrisse l'impegno per il ciclo di decorazioni della Basilica dei SS. Apostoli che sarebbe stato ultimato nel 1873. Il progetto iconografico prevedeva i *dodici Apostoli* e gli *otto Dottori* della chiesa, il *Salvatore* nel timpano, i *quattro Evangelisti con gruppi di angeli* e relativi emblemi.

I santi del Fontana ricordano appena i personaggi illustrati nell'*Album degli Apostoli* di Minardi, preziosa raccolta la cui iconografia veniva utilizzata o serviva da indicazione nelle principali fabbriche ottocentesche romane: non ci sono confronti puntuali, solo vaghe consonanze, piuttosto un armonizzarsi allo spirito del tempo.

Successivamente al 1877 Fontana tornò ai SS.mi Apostoli lavorando

nella Cappella del Santissimo Sacramento, dedicata a San Giuseppe da Copertino, dove affrescò il capolino e i pennacchi con le *Allegorie delle Otto Beatitudini* e delle *Quattro Virtù Cardinali*. Eseguì anche la ristrutturazione e decorazione della Cappella di San Francesco dei principi Colonna, che ne avevano il giusto patronato dal 1464.

Eseguì i graffiti di *palazzo Ricci,* in via Giulia, e quelli del palazzo del farmacista *Sinimberghi* , in via Condotti, (di questi restano solo delle vecchie foto). Sono stati distrutti quelli di *villa Carradori* in Osimo sopravvivono, ma ormai sono solo vaghe ombre, sulla facciata di una casa a Monte San Pietrangeli e nel *palazzo Massimi* a Roma. Sempre nella capitale, in San Lorenzo in Damaso, riallacciandosi alla tradizione classica Fontana dipinge gli affreschi nella navata centrale, iniziati nel 1876 e ultimati nel 1882, con episodi della storia della chiesa.

Fontana propone nel complesso apparato decorativo scene a prospettiva centrale articolate in uno spazio solennemente scandito da quinte architettoniche, in cui forte è l'eco dello stile di San Lorenzo fuori le mura.

L'Ovidi ricorda, nella basilica lateranense, i due dipinti autografi del Fontana nella Cappella del Crocifisso, ultimati nel 1886 e impropriamente attribuiti nelle guide moderne a Francesco Grandi, rappresentanti *l'Adorazione dei pastori e la Presentazione al tempio.*

## I soggiorni marchigiani

In contemporanea ai cicli decorativi nella capitale, durante le stagioni estive Fontana lavorava in cantieri fuori Roma avendo sottoscritto contratti che prevedevano per il loro compimento quattro o cinque anni (dodici anni per la collegiata di Monte San Pietrangeli), tanto che è quasi impossibile ripercorrere le tappe dell'evoluzione dello stile mutuato tra la capitale e la provincia. Si può parlare solo di fasi, di cui una, di connotazione moderatamente purista è esemplificata nelle giovanili decorazioni dell'abside di Monte San Pietrangeli. L'altra, che potremmo definire neobarocca, mostra frequenti ritorni al tradizionale schema cinquecentesco ed è intrisa di suggestioni venete: con essa percorse gli anni della maturità, sia quando dipinse per prestigiosa committenza romana, sia quando, con analoga sensibilità, in una dimensione di alto respiro narrativo, dipinse per la comunità appenninica di Montalto, di Montefiore , affrontando sia il tema sacro che decorazioni di destinazione privata.



*Luigi Fontana 'Santa Lucia trainata dai buoi', Montefiore dell'Aso, Collegiata di Santa Lucia*

Eseguì il ciclo di decorazioni per il *palazzo* dei conti *Bernetti* e la stessa ricchezza del colore, l'uso dei bianchi dorati, dei turchini intensi e dei rossi amaranto sarebbe stata profusa in una sinfonia di ritmi briosi sulla volta del teatro dell'Aquila di Tolentino

Appartengono a questo periodo le due tele con le storie *di Santa Lucia* eseguite sul finire degli anni '70, per la chiesa collegiata di Montefiore dell'Aso dove ritroveremo lo stesso caldo eloquio del dipinto dell'*Angelo Custode* per la chiesa omonima di Fermo. Il suggestivo colloquio con la natura, pur dentro l'inevitabile convenzione del tema, l'oscurità del cielo pesantemente annuvolato che trascolora in un labile chiarore verso l'orizzonte e la tempesta, con intenzione allusiva ai pericoli della vita, sono certa, sarebbero piaciuti a qualche "sottile romantico".

Gli affreschi del 1876 della cattedrale di Montalto e successivamente della chiesa della Vergine del Rosario di Grottazzolina con l' umile e concreta natura dei personaggi che partecipano della situazione divina, con la vita e la morte che rinunciano ad inconcepibili eccessi mistici e si confrontano con la colloquialità confidente degli umili, propongono una carica comunicativa suadente, un diverso e immediato coinvolgimento.

## Sul finire del secolo: una stanca maniera

Trascorso un ventennio da quando era stata promulgata, nel 1854, l'enciclica *Innefabilis Deus,* Fontana portava a termine in Aquila, nella cappella del Vescovo Filippi in duomo, i dipinti della *Proclamazione del Dogma dell'immacolata Concezione,* libera rielaborazione di quello del Podesti, e quello rappresentante *Il Concilio* Vaticano, poichè il vescovo chiedeva di essere ritratto tra i vari personaggi in quanto partecipe dei due eventi.



*Luigi Fontana, 'Angelo Custode' Fermo, già chiesa dell'Angelo custode*

La preoccupazione di Leone XIII di fronte allo 'scempio' dei tempi moderni, a differenza di Pio IX, il quale si era chiuso in una cupa atmosfera di rifiuto e condanna, era quella di una massiccia conversione dei popoli alla parola di Cristo.

La conversione sarebbe passata attraverso un titanico sforzo di riavvicinamento al mondo moderno, che il pontefice romano continuava a non comprendere e a giudicare anzi in modo severo, ma nei cui confronti la chiesa doveva, per forza di cose, disporsi con atteggiamento di parziale adeguamento, nel senso di una viva presenza all'interno della società. Esaurita la calda ventata mariana, la pittura sacra, con i suoi intenti alcune volte più teatrali che sinceramente autentici, oscillanti tra il patetico e il tragico, priva di chiare direttive, si riproponeva secondo stilemi da tempo collaudati.

Sospeso fra questa realtà cattolica e il mondo che diventava sempre più laico e indifferente ai problemi della fede, consapevole di un nuovo sentire che la sperimentazione lasciava intravedere vasto quanto stimolante, Fontana intuiva che l'esistente andava in questa direzione, tuttavia ebbe ancora il sopravvento la narrazione emblematica di gerarchie superiori, trattenuta nei limiti della 'prudenza accademica'.

Il maestro fu impegnato sul finire del secolo in imprese di notevole prestigio. Nel 1883 a Gennazzaro, per la chiesa della Madonna del Buon Consiglio,



*Luigi Fontana, 'Proclamazione del dogma dell'Immacolata Concezione', L'Aquila, Italia Cathdrale dei Santi patroni Massimo e Giorgio*



*Luigi Fontana, 'Concilio Vaticano', L'Aquila Italia, Cathedrale die Santi patroni Massimo e Giorgio*

dipinse *l'Incoronazione della Vergine,* e qualche anno dopo tra il 1887 e il 1888, decorò la chiesa collegiata di San Giovanni Battista a Grotte di Castro e durante i periodi estivi attese ai restauri della cattedrale di Sutri, dove lavorò per circa dieci anni. Gli allievi pittori presero parte all'impresa e fornirono, secondo una prassi ampiamente sperimentata, le decorazioni floreali e geometriche indispensabili alla completezza delle decorazioni. Quindi svolse l'intero ciclo pittorico a Montefiascone, nella Cattedrale di Santa Margherita.



*Luigi Fontana, 'Incoronazione della Vergine', Monte San Pietrangeli, collegiata dei Santi Lorenzo e Biagio*

Terminato il ciclo decorativo nella chiesa Abbaziale di Campofilone tra il 1898 e il 1899, e fatte pervenire a Montefiore dell'Aso, nella Collegiata di Santa Lucia per la cappella del Sacramento *La cena e La Lavanda dei piedi*[1], il maestro, ormai "presso alla ottantina", tra gli anni 1901 e il 1903 affrontò l'ultimo complesso lavoro, nella cattedrale di Amelia Umbria. Gli affreschi narrano le storie di Santa Fermina protettrice della città di Amelia, rappresentano unitamente all''inconfondibile tessuto pittorico, evocatore di valori cromatici madreperlacei e lucenti, della cappella dell'Addolorata di Montegiorgio, le ultime 'manifestazioni luminose di un astro vicino al tramonto'.

Ritiratosi da qualche anno a Monte San Pietrangeli, le innumerevoli richieste sempre più assillanti per la fama acquistata e le precise ingiunzioni dei committenti, per cui il pittore stesso, doveva lavorare a tema obbligato, lo indussero a servirsi sempre più di cartoni già utilizzati se non di collaboratori

[1] vedete pagina 26

(tra questi il figlio Tommaso) che oramai lavoravano pienamente nelle commissioni del maestro.

Fontana uomo di una integrità forte non ha esposto pareri sul suo senso del sacro, né ha formulato, nella fitta corrispondenza con amici e committenti, giudizi in relazione all'arte, alla contrapposizione fra tradizione e innovazione che era un aspetto dell'ottocentesco 'conflitto tra forze di continuità e forze di mutamento'. Io credo che Fontana vivesse essenzialmente per i valori dell'arte intesi come fattore di elevazione morale e sociale. Quei valori trovarono forma nella pittura di storia, nei temi religiosi, nella mitologia, nelle allegorie, nella decorazione parietale di chiese e palazzi. Quella pittura racchiuse la consapevolezza storica della necessità di tenere viva la tradizione. Quell'arte seppe mantenere fecondo un dialogo che, dall'antica scuola umbra e toscana, attraverso Firenze e Roma con i suoi eredi, neoclassici, accademici, nazareni e puristi, eclettici avrebbe parlato, in una storia senza più simboli e in tempi di perdute memorie, di difesa di valori etici e metafisici.



*Luigi Fontana, 'Incoronazione della Vergine', Sutri, Italia, concattedrale di S. Maria Assunta.*

# Sehem il-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 Biex saret l-Istatwa tal-Fidda

***Godfrey Farrugia***



*Dr Farrugia jagħti statwa żgħira ta' San Filep b'rigal lil Marisa Calisti fi tmiem is-Simposju.*

Illum il-ġurnata l-Għaqda Każin Banda San Filep saħħet f'kull qasam il-pożizzjoni ewlenija tagħha bħala pijuniera u eżemplari f'dik li hija kultura ta' festi f'pajjiżna.

Huwa fatt li fis-sena 1851, tnax il-sena qabel ma ġiet ikkummisjonata l-istatwa titulari ta' San Filep, il-"***Banda di San Filippo***" kienet diġa mwaqqfa[1] bħala banda formali minn Mro. Filippo Galea. Tliet snin wara din il-banda diġa kellha l-uniformi tagħha[2] u fis-sena 1857, "iċ-ċirkolu" kellu s-sede tiegħu, f'numru 52, Triq il-Parroċċa[3] kif ukoll il-kariga ta' *Presidente*, okkupata minn Michele Borġ (1856 – 1865). Fl-1859, tmien snin wara li twaqqfet, il-"***Banda di San Filippo***" xtrat ħmistax-il strument mużikali[4] u sentejn wara (fl-1859) sar l-ewwel palk tal-banda[5].

Dan kollu juri li l-"***Banda di San Filippo***" kienet diġà organizzata sew sas-sena 1860. Wieħed jista' jgħid li f'dawn iż-żminijiet il-Knisja Arċipretali ma kienet nieqsa minn xejn, ħlief għal ħaġa waħda biss: statwa proċessjonali tal-qaddis patrun. Nhar il-15 ta' Jannar 1860 twaqqaf fond għal dan il-għan[6]. Il-Banda ta' San Filep ma baqgħetx lura u bdiet tagħti sehemha wkoll[7]. Kien żmien ta' ħidma kbira u koperazzjoni kontinwa.

In-nefqa għall-baned tal-festa ta' San Filep fis-snin 1862 u 1863 min-naħa tal-knisja kienu mill-anqas[8], biex b'hekk jiġu frankati l-flus li setgħu jmorru għall-ispejjes tal-istatwa. Id-diriġenti, l-bandisti u l-partitarji tal-

"*Banda di San Filippo*" kienu minn ta' quddiem fil-ġbir ta' fondi għall-istatwa u ma setax jonqos li huma wkoll ikkontribwixxew għal dan il-għan b'kull mod li setgħu. Għalhekk wieħed jissoponi li f'dan iż-żmien il-"*Banda di San Filippo*" tat sehmha fil-festi esterni titulari bla ħlas.[9] L-istatwa ta' San Filep waslet Malta minn Ruma fit-13 ta' Lulju 1863 u magħha l-iskultur Luigi Fontana[10]. Iż-Żebbuġin ferħu ħafna bih u laqgħuh tajjeb. Fil-ġranet ta' wara l-irjus il-kbar tar-raħal stiednuh f'darhom. Ix-xirka tal-"*Banda di San Filippo*" laqgħatu fiċ-ċirkolu tagħha fejn għamlitlu riċeviment[11] u ma jistax jonqos li tagħtu rigal ta' rikonoxximent.

Ħames ġimgħat qabel il-festa ta' San Filep tas-sena 1864 l-Arċipriet Francesco Borġ bagħat ittra ta' ringrazzjament lis-"*Soċjetà della Banda di San Filippo*" għall-għajnuna fil-ġbir biex titħallas l-istatwa tal-fidda ta' San Filep[12].

Matul dawn il-festi kbar il-"*Banda di San Filippo*" esegwiet erba' servizzi mużikali, tlieta minnhom taħt it-tmexxija tas-surmast direttur Mastru Indri Borġ[13]. Dawn kienu direttament marbuta mal-festi tat-translazzjoni tal-istatwa. Għal din l-okkażjoni il-"*Banda di San Filippo*" żanżnet innu ġdid bl-isem "Lil San Filep"[14]. Ir-raba' servizz mużikali sar nhar il-festa minn Gaetano Attard l-assistent surmast tal- "*Banda di San Filippo*"[15]. Kien ġara li Mastru Indri kien ħa riħ u ma kienx jiflaħ jidderieġi l-banda hu f'dan il-jum u għalhekk it-treġija għaddiet f'idejn iż-Żebbuġi Gaetano Attard.[16] Din il-festa tas-sena 1864 kienet iċċelebrata bl-akbar pompa[17].



*Ritratt antik tal-Banda San Filep*

Li smajna u fhimna l-lejla f'dan is-simposju "Luigi Fontana, mitt sena minn mewtu huma l-għeruq artistiċi ta'dan l-imgħallem, r-rabta dejjiema bejn San Filep t'Aġira u Ħaż-Żebbuġ u dak kollu li għadda minnu Ħaż-Żebbuġ mal-wasla tal-istatwa titulari.




Bħala president tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851, nħossni ferm kburi li fiż-żminijiet daqshekk bikrin din il-għaqda minn diġa kellha rwol ċentrali fil-ħajja soċjali u kulturali ta' Ħaż-Żebbuġ. Daqshekk ieħor jien kburi li din il-pjattaforma kulturali mhux biss żammejniha kontinwament ħajja sal-ġurnata tal-lum iżda l-Għaqda kabbritha u firxitha f'taqsimiet kulturali li jmorru 'l hemm mill-festa titulari wkoll. Aktar minnhekk jien kburi li s–sisien ta' dawn l-għanijiet kulturali huma s-sens ċiviku, l-volontarjat, il-bżulija tas-soċi, u l-ġenerożità tal-benefatturi. Ta' dan l-Għaqda għandha ħafna lil min tirringrazzja. Hu dan l-aġir li jkabbar isimha u li aktar minnhekk, ikabbar l-identità ta' beltna, Ħaż-Żebbuġ.

Noti u Referenzi

[1] Arkivju Parroċċa Ħaż-Żebbuġ, Reġistro Carita, ezito straordinario, paġna 72.
[2] Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep AD 1851, paġna 15, nota 56, intervista ma Filippu Azzopardi, Ġużeppi Micallef u Gawdenz Tanti.
[3] Pietro Paolo Castagna, L-ewwel parti, p456, it-tielet parti, parti 136.
[4] Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep AD 1851, paġna17.
[5] Arkivju Parroċċa Ħaż-żebbug (1860 - 1869) Grande Introito legate Venera lampada.
[6] Dun Salv Caruana, L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep t'Aġira (1988), paġ 9. Dokument meħud mill-ktieb: Kontribuzzjonijiet (APŻ)
[7] Arkivju tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851. Ittra tat-3 ta' April 1864, ringrazzjament lill-Arċipriet Francesco Borg.
[8] APŻ, (1860 – 1869), paġna 53.
[9] Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep AD 1851, paġna21.
[10] Dun Salv Caruana, p19.
[11] Dun Salv Caruana, p19.
[12] Arkivju tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851, ittra ta' ringrazzjament..
[13] APŻ, (1861 – 1869): "Pagati a Mro. Andrea Borġ suonatori per tre servizzi di banda a musica nella translazione e nella festa di San Filippo, scudi soltanto due e tari sei.
[14] Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep AD 1851, (2001) paġna 24.
[15] Apż (1860 - 1869), Pagati a Mro. Gaetan Attard, scudi cinquanta per la banda del giorno festivo di San Filippo.
[16] Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep AD 1851, (2001) paġna 24.
° Il Portafoglio Maltese, 21-05-1864, paġna 3

# Kontributuri

## Toni Cortis BA

Toni Cortis studja fis-Siminarju, fil-Kulleġġ tal-Għalliema u kompla fl-Università ta' Malta fejn ħa l-B.A.

Maż-żmien stabilixxa ruħu bħala wieħed mill-edituri ewlenin u ħa ħsieb numru ta' pubblikazzjonijiet ta' akkademiċi u awturi magħrufa bħal Peter Serracino Inglott, Oliver Friggieri, Achille Mizzi u Frans Sammut.

Organizza żewġ kungressi, wieħed fuq "L-Identità Kulturali ta' Malta" u ieħor fuq "L-Oqsma tal-Kultura", kif ukoll Simposju dwar "San Filep u l-Kult Tiegħu", u ħa ħsieb il-pubblikazjoni tal-Atti tagħhom.

## Dr Philip Sciortino MD, MSc, MRCGP

Gradwat fil-Mediċina mill-Università ta' Malta fejn kiseb ukoll Masters fix-xjenza tas-Saħħa Pubblika. Membru tal-Kulleġġ tat-Tobba tal-familja ta' Malta u tal-Ingilterra. Jipprattika bħala speċjalista fil-Mediċina tal-Familja u tas-Saħħa Okkupazzjonali.

Fl-Università ta Malta hu Lettur fid-Dipartiment tal-Mediċina tal-Familja u ko-ordinatur ta' Programm ta' studju fix-xjenza tal-Mediċina tal-Familja. Attiv fir-riċerka f'dan il-qasam.

Jieħu interess attiv fil-qasam tal-istorja u tal-kultura u l-arti.

## Dr Eugene Montanaro LLD

Twieled fil-Belt Victoria Għawdex fid-19 ta' Novembru 1947 u ggradwa fil-liġi fl-1981 mill-Università ta' Malta. Jaħdem ta' nutar. Ippubblika għadd ta' studji dwar pitturi u skulturi Maltin. Fost il-kitbiet li ħareġ insibu:

Pietru Pawl Azzopardi – A forgotten Sculptor (1981)

Materials for the Life of Francesco Zahra (1986)

L-Iskultur Marianu Ġerada (1988)

The Sculptors at the Grotto of St. Paul's (1990)

Tagħrif dwar il-Kwadru ta' San Ġorġ, ta' Mattia Preti (1991)

Building a New Church Dedicated to Saint Julian in 1682 (1992)

Don Lorenzo De Apapis (1501-1586) – The Drama of a Gozitan Priest (1996)

Francesco Vincenzo Zahra's 'St. Philip' Laterals at Żebbuġ Parish Church (2004).

## Dr Albert Ganado BA, LLD

Kollettur akkanit tal-Melitensia u ilu jikkontribwixxi għall-Enċiklopedija Britannica fuq Malta sa mill-1954. Ippubblika kotba fuq il-Belt Valletta fis-Seklu 16, Mapep tal-Assedju l-Kbir, Karikauri Napolejoniċi fuq Malta, Malta fit-Tieni Gwerra

Dinjija u diversi artikli fuq aspetti tal-Istorja ta' Malta, il-Politika u l-Liġijiet.

Huwa għamel diskorsi dwar dawn is-suġġetti f'Malta, fl-Italja, fil-Ġermanja u fl-Olanda. Waqqaf flimkien ma' oħrajn: il-Malta Philatelic Society u l-Malta Historical Society. Kien president ta' din tal-aħħar u għadu fil-kumitat tagħha. Huwa membru fil-bord tad-diretturi tal-Fondazzjoni Patrimonju Malti.

## Dott Marisa Calisti

Gradwata fl-Arti mill-Università ta' Bolonja, pittriċi u għalliema tal-Letteratura Moderna, ħarġet kemm saġġi kemm kotba u taħdem mal-Università Politeknika ta' Le Marche. Tieħu sehem f'wirjiet artistiċi waħedha kif ukoll ma' oħrajn fl-Italja u barra. Fl-1995 ħarġet il-monografija tal-iskultur: *Gaetano Orsolini Montegiorgio 1884 Torino 1954*, fis-sena 2000 il-katalgu: *Percorsi di Arte Sacra a Rapagnano dal sec XVI al sec. XX,* u fl-2007 il-*Guida storico-artistica del Comune di Montegiorgio.* Fl-2004 ħadet il-premju għall-*Quintana di Ascoli Piceno* u fl-2006 il-Premju għall-*Quintana di Servigliano.*

Minn xi snin lil hawn ir-riċerka tagħha fil-pittura nxteħet għat-tema tal-*Grandi Labirinti*, b'approfondiment problematiku tas-sura figurattiva fi djalogu qawwi bejn dawl, lewn u sura, li fih jitqanqlu u jqisu lilhom infushom b'pittura 'neofigurattiva' taħbil qadim, għejjun tal-ħajja u mirja qarrieqa f'nuqqas ta' sabar eżistenzjali kbir.

Ir-riċerka tas-sura naturalistika li tinfetaħ għas-suġġestjoni tal-astrazzjoni, il-Veru u l-poeżija tiegħu misjuba mill-ġdid b'riħet it-tifkira, huma l-qofol tematiku ta' din l-avventura artistika ħerqana. Il-frott ta' dir-riċerka pittorika se jieħdu sehem, bejn l-2008 u l-2009 f'wirja itineranti fil-bliet Ewropej ewlenin.

## Dr Godfrey Farrugia MD

Attenda l-iskola primarja ta' Ħaż-Żebbuġ u wara kompla l-edukazzjoni tiegħu fil-kulleġġ ta' San Alwigi. Tħarreġ għal tabib fl-Università ta' Malta. Iggradwa fil-1985.

Irrapreżenta lill-istudenti sħabu fil-qasam terzjarju. Kien membru tal-kunsill tal-Malta College of Family Doctors (1990-1992). Serva bħala Sindku tal-lokalita' ta' Ħaż-Żebbuġ (1993-1999). Irrapreżenta lill-Kunsilli Lokali fil-kumitati ta' preparazzjoni tal-Kodiċi tal-Etika (1994) u l-finanzjament tal-kunsilli (1995-1997).

Ikkontribwixxa f'diversi pubblikazzjonijiet li jirrigwardjaw is-saħħa. Riċerkatur storiku u kittieb dwar tagħrif fuq Ħaż-Żebbuġ, b'kontribuzzjonijiet fil-gazetti, rivisti u anki kotba. Fil-passat okkupa l-post ta' editor tal-ġurnali 'The Family Doctor' u 'Ħaż-Żebbuġ'. Wieħed mill-edituri ta' publikazzjonijiet annwali u rivisti tal-Għaqda Każin Banda San Filep A.D.1851.

Ircieva b'rikkonoxximent tas-sens ċiviku, "Ġieħ Ħaż-Żebbuġ" (2007) u it-"Thanks Badge" tal-moviment tal-Iscouts. Bħalissa jokkupa il-post ta' president fl-Għaqda Każin Banda San Filep (2006-) u fl-Iscouts ta' Ħaż-Żebbuġ.

Jieħu interess speċjali fil-patrimonju Malti, b'mod partikolari dak Żebbuġi.

# Appendiċi I

## *Tliet Ittri dwar ix-xogħol fuq il-kummissjoni għall-istatwa ta' San Filep t'Aġira għall-komunità ta' Malta.*

Pubblikati: Dott Marisa Calisti u Stefano Papetti
Tradotti: Dr Philip Sciortino.
Ħajr lil Dr Gerald Buhagiar għall-għajnuna
APM. Folio 5
30ta' Mejju 1862. Malta

Għażiż Sinjur,

Il-ħabib tagħna n-nutar Francesco Saverio Camilleri bil-ħerqa kollha għaddieli l-ittra tiegħek tal-24, ta' dan ix-xahar. Inħossni li għandi ftit ħin biex nirrisponduk kif jixraq. Nibża' li qed niktiblek bl-għaġla u nidħol fl-istess xkiel li inti ltqajt miegħu għaliex, malli waslitli din l-ittra, mill-ewwel ħadt ħsieb li niktiblek mingħajr ma noqgħod naħsibha, waqt li nġib quddiem għajnejja dak kollu li ġara s'issa. Naf ukoll bil-periklu li ninsab fih u mingħajr dewmien, nagħmel kull ma nista' biex nisma' kelmtek. Int sfortunatament, li b'tant ħbiberija tobbligani u tikkonfondini; li tant tafdani b'għajnejk magħluqa tistenna parir ta' ħabib f'sitwazzjoni li jien stess bħala Deputat, nagħmel parti minnha. Għalhekk nara kif nagħmel minkejja li sibt ruħi ta' imħallef bejnek u d-Deputati li jien stess wieħed minnhom. Kemm inħossni imbarazzat! Jien, waqt li niftaħ qalbi beraħ miegħek ma nistax jew m'għandix nirrifjuta jew nonqos quddiem dan l-unur, din il-ħbiberija u din il-fiduċja għalhekk, ngħid dak li nħoss u nagħtik il-parir tiegħi fuq dak li ktibtli. Iva, minn jeddi hekk se nagħmel, arani miegħek.

Qabel kollox, b'idi fuq qalbi nistqarr kemm stgħaġibt meta qrajt l-ittra tiegħek. U li kieku mhux għax irrakkommandak xi Overbeck, xi Menardi u xi ras kbira oħra u dawn ma laħqux nisslu fija b'saħħa opinjoni tajba

ħafna fuq l-arti u l-karattru tiegħek, ma nafx x'kont naqbad naħseb f'dawn iċ-ċirkostanzi. Filwaqt li ngħożż dan il-ġieħ kollu li dawn il-kbarat nisslu fija lejk, ngħaddi biex flimkien naraw dak li rridu nwettqu b'tama qawwija li mhux sejjer ma jogħġbokx. Irridu nneħħu l-periklu ta' xi komplott minn id mxajtna u moħbija li bil-ħsieb tagħmel ħsara lil ismek u lill-kollegi tiegħek t'hemmhekk. Bħalma jiġġudikawk jekk qatt tasal biex iċċedi għat-tentazzjoni, bir-raġun kollu u daqstant ieħor, jiġġudikaw lil dawk l-oħra li ma tistax tistmagħhom aħjar minn dak li jixirqilhom. Skont dawk ir-rakkommandazjonijiet li saru qabel inti tiġi l-ewwel wieħed.

Jaqaw, inti nsejt l-ittra tiegħek ta' 4 ta' Novembru li għadda minn Montesapietrangeli, mibgħuta lili bħala deputat (mhux bħal din id-darba). Fiha inti tgħid li kważi sar il-ftehim dwar l-istatwa, għajr għat-tħejjija tal-kuntratt u għat-telf taż-żmien mill-ħaddiema f'Jannar (waqt li tistenna li tlesti x-xogħol f'pajjiżek). Dan niffirmawh bi twissija li l-opra mhix sejra tkun lesta s'April, u bix-xewqa tiegħek li għalhekk inħallu l-Festa tal-qaddis għal aktar tard? U mhux fuq din il-konklużjoni li fl-1 ta' Diċembru ħejjejna l-iskrittura (Kuntratt) għal dan il-għan flimkien mal-ittra li defenittivament tagħtik ix-xogħol, kif mibgħuta lis-Sur Cortis sabiex kif jixraq, jiġu ffirmati u mibdula bejnietna? U mhux fuq din il-konkluzzjoni li mingħajr dewmien is-Sur Cortis ikkomunika miegħek f'Monsteapietrangeli, u li inti fit-2 ta' Jannar weġibtu billi fissirtlu l-ħtieġa li tibqa' hemm ftit ieħor (Montesapretangieli). Fissirtlu wkoll wara li fuq kollox rajt sewwa dik il-kitba u sibta aċċettabbli <u>ħlief għal xi osservazzjoni żgħira</u> li inti tixtieq tagħmel? Darba li sibt il-kuntratt raġonevoli, ħlief dak in-nuqqas żgħir, x'kien ifisser jekk mhux li int qbilt sewwa fil-prinċipju, u anke fl-essenzjal ħlief għal xi intietef li semmejt? X'kien aktar ifisser meta fit-23 ta' Frar b'ittra għarraft lis-Sur Cortis dwar dak is-saram li nqala' fid-dar ta' missierek u li minħabba fih iddawwart li tmur lura Ruma.

Għidlu kemm jisgħobbik u li "naħseb dawk il-Maltin qegħdin jaqtgħu qalbhom jistennew" iżda fl-istess ħin tittama li jieħdu paċenzja bid-dewmien, wara li spjegajtilkom b'dak li ġara. Għalhekk tlabtu jinformana b'dak li inqala' sabiex teħles mill-ħtija ta' tant dewmien u wegħedt li tagħmel tajjeb għad dan, billi twettaq ix-xogħol fuq l-opra b'akbar ħeġġa.

Forsi dan ma jikkonfermax aktar u aktar l-approvazzjoni tiegħek u tal-kuntratt? Iż-Żebbuġin tant kienu u għadhom s'issa konvinti, li filwaqt li jinsabu ddispjaċuti għal dak is-saram li nqalalek, saħansitra għamlulek il-quddies

sabiex teħles minnu u sabiex tinżel Ruma u tkun tista' tibda twettaq dak li wegħedthom. U bil-wegħediet kemm direttament u kemm indirettament, li appik tirritorna Ruma biex tkompli, ma stajniex ħlief inkomplu nifhmu li qbilt mal-kuntratt. U kif segħtu dawn il-wegħdi jqanqlu xi suspett, l-iċken dubju? Le qatt tassew!!

Iżda wara tant paċenzja u rassenjazzjoni, u wara l-wegħdi li għamilna sabiex tirritorna Ruma u tkompli din l-istatwa tant mixtieqa, tasalli l-ittra tiegħek tal-24 ta' dan ix-xahar. Ferrħitni bl-aħbar tal-wasla tiegħek hemmhekk imbagħad komplejt b'aħbar li tefgħetni f'inkwiet kbir. Mingħajr ma naf kif sejjer inġib ruħi mad-Deputati, li kienu jafu b'din l-ittra tiegħek, għedtilhom bil-parti ferrieħa sewwasew dwar ir-ritorn tiegħek hemmhekk (Ruma). Ta' dan nifirħulek mill-qalb, iżda żammejt għalija l-parti ta' niket għaliex hija ħaġa ta' bejn il-ħbieb u għalhekk ta' min iżommha bejnietna, aktar u aktar sabiex insalva ismek, l-istatwa u insalva wiċċna mill-poplu ħerqan u fuq ix-xwiek li jikseb l-opra tant mixtieqa minn idejk, wara li tant faħħruk u li assolutament iridu biss mingħandek. Huma kif inhuma l-affarijiet jien, filwaqt li infakkrek dwar iċ-ċirkustanzi li semmejtlek qabel, ma naħsibx anzi ninsab ċert u ċertissimu, li tibqa' żżomm kelmtek kif tgħid f'ittra konklusiva ta' 4 ta' Novembru 1861.

Liema kelma, anke mingħajr ma tgħid, ma jistax li tonqos minnha skont l-opinjoni meqjusa ta' Overbeck u ta' Minardi...eċċ eċċ. Jekk skont din il-kelma dawk il-kitba (kuntratt) tat-2 ta' Jannar 1862 sibthom u qisthom bħala aċċettabbli, kif sa Mejju ta' wara sibtilhom tant nuqqasijiet u aktar agħar minn hekk, li ma nistgħux nirranġawhom. U x' jistgħu jkunu wara kollox? Ir-roħs, is-sigurtà (assigurazzjoni), it-tiswijja ta' xi ħsarat li diffiċilment tħallihom għaddejjin. (Inti) ħlomt b'ħafna nkwiet li meta meħud flimkien, iqabbduk biża' kbira. Le, għażiż sinjur mhuwiex dan l-inkwiet li daħħlek f'tant biża', żgur li le. Fis-sewwa hija l-għira tal-għedewwa tiegħek li waqgħet fuqhek, iva, l-avversarji kbar tagħna li huma l-ftit, ħarġu diffrejhom biex jilħqu l-għan tagħhom, li sabiex ikunu aqwa minnha, jaqtgħulek qalbek. Iżda, f'ġieħ Alla u f'ġieħ San Filep! Mhux se jirnexxilhom. Min-naħa tagħna aħna ċerti minħabba, li għandna mezzi iktar milli hemm bżonn. Għalhekk il-ħaġa ma tiddependix ħlief minnhekk. U min jista' jiddubita minnhekk? Jista' wieħed jgħaddilu minn moħħu li ma żżommx kelmtek jew li taqta' qalbek? Jew agħar u agħar, tkompli mal-avversarji tagħna u tiegħek stess. Le, qatt ma jista' jkun illi inti tgiddeb lil Overbeck, lil Minardi u l-kbarat l-oħra, u qatt

ma jista' jkun li tmur lura mit-tfħir li sawbu fuqek. Għalhekk ħalli fil-ġenb il-beżgħat kollha, ħa jitfixkel min xtaq jaqtagħlek qalbek billi jagħtik x'tifhem li n-nies iddejqu. Liema dwejjaq ma jeżistix, għajr fil-ftit għedewwa u mhux mal-bqija tan-nies. Għalhekk, kemm jista' jkun malajr, iffirma dik il-kitba (kuntratt) kif inhi u għaddihom mill-aktar fis, il-bqija kolox jista' jitwitta bejniethom. Min-naħa tiegħi, nagħmel ħilti li ma jitnaqqaslek xejn. Min-naħa tiegħek, qis li tifhem li l-garanzija mitluba hija fuq l-ewwel pagament jew terz tas-somma u serraħ moħħok li tingħatalek hekk kif tiffirma u tibgħat l-kitba (il-ftehim). Għaż-żewġ pagamenti l-oħra jew żewg partijiet minn tlieta oħra, il-garanzija tkun meħtieġa; meta tgħidilna li tlestiet l-istatwa u hekk kif nisimgħu bl-aħbar li bgħattha. Jibqa' biss ir-restawr tal-istatwa u jekk tinqalax xi ħsara matul il-vjaġġ. B'danakollu, dak li taħseb li huwa l-aktar diffiċli jirriżulta li ma jkun xejn u jekk l-opra kif qed nissopponi, jieħdu ħsiebha sewwa waqt it-traġitt jibqa' kollox fl-arja u fl-immaġinazzjoni. U jekk wara kollox, jinqala' xi ħaġa żgħira din tista' faċilment tissewwa mill-kummissjonant li kif nittama, se jikkumpanja l-istatwa. Għalhekk, jekk mhux għal ħaġa oħra, sabiex fuq l-istruzzjonijiet tiegħek trid ukoll tintrama l-istatwa billi jitgħaqqdu sewwa l-bċejjeċ separati. Ma naħsibx li inti lest tittollera u tħalli lil dawn ir-rivali u dawn l-għajjurin iħassru l-istatwa u l-idea tiegħek. Lanqas ma nemmen li dan il-kummissjonant se jkollu minn xiex igerger għaliex id-deputati, mingħajr l-ebda obbligu mhux se jonqsu milli jistmawh aħjar milli xi wħud jistennew. Sadanittant ma nistax ma nammirax fik il-ġenerozità kbira u mingħajr interessi personali li tħalli parti mix-xogħol għall-arġentiera lokali. Filwaqt li nammirak għal dan, nixtieq li tneħħi kull dubju, jekk hekk tajtek x'tifhem, li m'aħniex kburin bl-arġentiera tagħna. Le għażiż sinjur, aħna qalbna taħraqna anzi taħraqna ħafna għal art twelidna.

Meta ttamajna li din l-opra mixtieqa setgħet saret hawn, jien ċert jew ċertissmu li ma konniex sejrin immorru barra minn Malta. Iżda la darba li waħħalnieha f'moħħna li rridu opra artistikament eċċellenti, bilfors li kellna nwarrbu n-nies tagħna u nduru kif għamilna, għal artist tal-klassi tiegħek, dejjem kif qalulna Overbeck, Minardi .... (eċċ, eċċ). Għalhekk, darba li tibdel l-opinjoni tiegħek dwarna, minflok taqta' qalbek permezz ta' biża' fiergħa u żejda, ta' raġel li int, midd idejk għax-xogħol tant mixtieq minnek u li tant wegħdtna. Dan ix-xogħol, żgur ma jkunx l-aħħar wieħed li jżejjen il-kuruna glorjuża u famuża tiegħek.

Nemmen li dan hu l-parir li għandi nagħtik u li l-unur tal-ħbiberija

tiegħek ma jitlobx inqas minn hekk. Nittama li ma jiddispjaċikx, li tilqgħu, li jogħġbok u li timxi fuqu. B'din il-fiduċja nistenna mingħandek tweġiba malajr.

Bl-isbaħ xewqat u rispett mill-qalbi, għandi l-unur u nittama li jien …il-qaddej u ħabib tas-sinjorija tiegħek.

Luigi C Fontana

Is-serv u l-ħabib tiegħek;
Dun Salvatore Tomaso Trevisan.

## Folio 6

Għażiż Sur Fontana;

Qrajt u apprezzajt iż-żewġ ittri tiegħek, dawk ta' 21 u 29 tax-xahar ta' Ġunju li għadda, indirizzati lill-ħabib tagħna s-Sur Camilleri. Nixtieq infaħħar ħafna r-rimedju li wasal għalih il-ħabib tagħna wara riflessjonijiet ġusti li għaddejnielek numru ta' drabi.(…) Issa li wasalna, int imissek tinsab ħerqan biex tiffirma l-kuntratt u tibgħatilna l-oriġinal mal-ewwel vapur. Dan ilu għand is-Sur Cortis sa minn Diċembru tal-1861. Kif issuġġerielek l-imsemmi s-Sur Camilleri, fid-data tal-14 ta' Ġunju ta' din is-sena (a.p), niżżel l-eċċezzjonijiet fil-parti t'isfel tal-kuntratt, fejn inti tiddikjara li qed taċċetta l-kuntratt b'dawk il-kundizjonijiet u t-tibdiliet li semmejt fl-aħħar ittra tiegħek. Kun af, għażiż sinjur, li d-dewmien fil-wasla tal-opra tiegħek tagħmilli l-ħsara kbira ma' sħabi u mal-poplu.

U filwaqt li nitolbok bir-rispett kollu issellili għas-Sur Cortis, nistenna li żżommni dejjem tiegħek

Is-serv tiegħek
Dun Salv Trevisan.

## Folio 7

Għażiż Sur Fontana;

Navżak li rċevejt iż-żewġ ittri tiegħek, waħda tas-16 u l-oħra tal-24 ta' dan ix-xahar. Fl-ewwel waħda għidli li rċevejt is-somma ta' disa' mija u sitta u tletin (936) skud Ruman. Qrajt l-ittra ta' qabel lil sħabi u għamlu enfasi qawwija sabiex tosserva fid-dettall il-kundizjonijiet tal-kuntratt kif iffirmat miż-żewġ naħat. Għalhekk skont il-kuntratt jixtiequ li l-istatwa kollha tkun tal-fidda kif ukoll id-dragun u s-salib. Qiegħed niġi mitlub ukoll sabiex ngħidlek li mhux sejjer nintriga biex nibgħat il-fidda.

F'nofs l-ittra tiegħek sibt iċ-ċertifikat tal-Professur ċelebri Overbeck fejn dan jikkumenta b'mod suffiċjenti dwar il-mudell tal-ġibs. Hemm bżonn li fuq dan, il-professur, jekk jgħoġbu jikkoreġi l-kelma Isqof, u minflokha jagħmel il-kliem "qassis Sirjan" jew skont l-użanza Griega. Kif kemm-il darba għidtlek, jekk ikun hemm xi sinjal li jagħti x'jifhem li hu Isqof, ibqa' żgur li l-Isqof Djoċesan ma jaċċettahx. Dwar il-ħlas mitlub (…) aħna nkunu lesti nħallsu fil-pront. Ma nistax ma nsemmilekx li ħeġġejtna biex naħfrulek il-garanzija peress li offrejtilna ipoteka kawtelarja. Dan aċċenna għalih is-Sur Cortis f'xi ittra lis-Sur Camilleri fejn qal li kien għamilha. Fuq kollox, għadna nixtiequ li jkollna dan iċ-ċertifikat jew dokument, li s'issa, għad m'għandniex ħlief il-kelma (… ) tas-Sur Cortis, li din hija sempliċi dikjarazzjoni, li fuqha (…) kellna xi dubji jekk inħallsux l-ewwel pagament kif niftiehem.

Għalhekk, kif jasallek iċ-ċertifikat tal-professur magħruf sabiex tpoġġi il-kliem Qassis Sirjan minflok il-kelma Isqof, u terġa' tibgħatuli lura b'din il-korrezzjoni, naqbad u nibgħatlek l-ewwel u it-tieni pagament.

Iqanqalni l-ħsieb li bl-għajnuna t'Alla, l-istatwa tirnexxi tant li jkun jistħoqqlok aktar tifħir quddiem kulħadd. Ma jkunx anqas mit-tifħir li bi pjaċir għadni kif qrajt hekk kif ippubblikat fl-Armonia di Prisco, dwar l-istatwa tal-qaddis martri Filippu, statwa mogħtija lill-Arċisqof De Angelis. Il-kollegi tiegħi b'kull rispett u kortesija nsellmulek, għandi l-unur li nibqa':

Is-serv umli tiegħek;

Dun Salv Trevisan.
Malta 5 ta' Frar 1863
Ħaż-Żebbuġ.

# Appendiċi II


Contribuzione spontanea dei Signori abitanti della città Rohan, per una della statua del nostro Titolare S. Filippo di Argirò, da essere eseguita in Roma da un celebre scultore, dietro una statutta, che egli ci trasmetterà per la sua approvazione

Principiata il 15 Gennajo 1860 — Lire

Facendosi la statua suddetta d'argento prometto pagare lire sterline dieci [illegible] 1860 — 10.

Francesco Agius pagò il [illegible] £ 5

Per Rosa vedova Paul Pietro Paolo Agius — 2

Giuseppe Zammit Galea pagò — 1

Nicola Azzopardi — pagò — 1

D. Gio Maria Sac. Sultana sotto le [illegible] condizioni per tutta la famiglia pagò una lira sterlina — 1

[illegible] — 10.

[illegible] — 3.

Facendosi la statua d'argento prometto 10 lire.

Dr. Salvatore Tommaso [illegible]



Strada Veidey verso piazzetta
...i Vonein tal Vacon — 1
...nd Mifsud tal Dawrnich. cinque soldi — 8
Attard. ta Cinquini — 2
...ppe Mifsud tal Caroharda. paga — 4
Bonanno ta Camunet. pag.to — 1/2
Magro ta Ducchach. p. di Salvadore — 3
Vassallo ta l'Alferan x
Vassallo ta l'Alferan. paga — 10
Borello tal Ouardhanisa. paga — 2
...a Callus. ta Magro, e Filippo Mallia p. Gena — 4
...d. Cachia ta Hiseba. paga — 2.
...ini. tal Buzu — 1.
Magro. tal Magru p. a conto 1. — 2.
Galea Biancheggiatore. paga
...Antonio. Scapecioppi — 2.
...Pace. Nicola. ta Laizar.
...Salv. ta Ciangata x.
Attard e Francesco Cantar pagano — 2
...to Mizallef ta Frenta. paga una lira. 1.
...od. Pace ta Chistofano paga.
Zammit. cognato ta Rosatina paga — 1.33.
Pace ta Gesu cognato del fornaio. paga.
Pace tal corrier ferraro. paga. — 2.

*Żewġ paġni mir-reġistru miżmum fl-Arkivju tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, li fih il-lista ta' għotjiet magħmula miż-Żebbuġin biex saret l-istatwa tal-fidda ta' San Filep, meħudin mill-ktieb ta' Dun Salv Caruana "L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep" (1988 paġni 9 u 10)*

# Appendiċi III

## *Uħud mill-Immaġini ta' San Filep f'Postijiet Pubbliċi li jixbhu lill-istatwa titulari moħluqa minn Luigi Fontana għal Ħaż-Żebbuġ**

### Statwi kbar fuq pedestall, f'Ħaż-Żebbuġ

- Mad-dawra taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali (1892)
- Mad-dawra taz-zuntier tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ħal-Muxi (1975)

**Dekorazzjoni tat-toroq waqt il-festa titulari:**

- Misraħ San Filep, pjacier tal-Banda San Filep
- Statwa fi Triq Mons. Milanese

### Statwi f'niċeċ f'Toroq Maltin – Ħaż-Żebbuġ

- Nru. 9, Triq il-Kbira (1867)
- Nru. 28, Triq Sant' Antnin (1869)
- Nru. 5, Triq l-Isqof Francesco Caruana (1891)
- Nru. 42, Triq il-Madonna (1910)
- Fil-Kantuniera bejn Triq tal-Grazzja u Triq Sidtna tal-Anġli (1924)
- Nru. 34, Triq Hali (?)

### Statwi f'niċeċ f'Toroq Maltin– Ħamrun

- Nru. 191, Triq San Gejtanu

### Barra minn Malta

- Aġira, Sqallija, fil-pjazza prinċipali, statwa kbira fuq pedestall għoli;
- Aci San Filippo, Sqallija, statwa żgħira fis-sagristija tal-knisja parrokkjali;
- Calatabiano, Sqallija, statwa żgħira fil-Knisja Arċipretali;
- Limina, Sqallija, statwa żgħira fl-uffiċċju tal-Comune;
- Melbourne, l-Awstralja, statwa kbira proċesjonali, fil-knisja *Our Lady* ta' *Sunshine*.


*Triq il-Kbira*


*Triq Sant'Antnin*


*Triq l-Isqof Caruana*

Ta' min jgħid illi l-istatwi żgħar f'Aci San Filippo, Calatabiano u Limina ngħataw b'rigal mill-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851 waqt żjara minn grupp ta' partitarji mmexxija mill-president tal-Għaqda Dr. Godfrey Farrugia u mis-Sindku s-sur Brian Bonnici f'Awissu 2008. Dik ta' Agira saret fuq mudell ta' waħda mill-istatwi żgħar li ngħataw lill-awtoritajiet Ċivili u Ekklesjastiċi minn diversi Żebbuġin minn żmien għall-ieħor fosthom mill-Każin Banda San Filep.

## Oħrajn

F'Ħaż-Żebbuġ issib diversi xbihat oħra ta' din l-għamla, iżda maħduma fi żmien aktar riċenti jinsabu skolpiti ma' fontispizji, imqegħda f'niċeċ żgħar, oħrajn wieqfa fuq pedestal bħal ma hemm fiż-żewġ ċimiterji ta' Ħaż-Żebbuġ (dak tal-Qalb ta' Ġesù u ta' Sant Andija) u rapprezentazzjonijiet artistiċi ta' kull xorta imwaħħla mal-faċċati tad-djar. Hija ħarsa li ntilfet kemm-il niċċa bi statwi (ta' San Filep u oħrajn) meta twaqqa' bini qadim biex floku jitla' l-ġdid.

*Notamenti:

1. Din il-lista qasira teskludi ix-xbihat li jinsabu ġewwa bosta djar ta' Żebbuġin fejn għandek issib inkwadri ta' kull daqs bi pittura, ritratti jew kopji tal-inċisjoni li kien għamel Luigi Fontana ta' din l-istatwa kif ukoll litografiji tagħha u statwi żgħar, uħud fuq bradella tixbah lil dik li tinsab illum fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ. Uħud minn dawn l-istatwi ta' ġewwa jsiru fuq forma li kien ħoloq Antonio Sciortino dejjem fuq ix-xbieha oriġinali tal-istatwa ta' Fontana.
2. Statwa oħra ta' daqs żgħir (50 cm) tinsab f'dar privata fil-villaġġ ta' Rapagnano, Ascoli Piceno, fl-Italja, li ngħatat b'rigal mill-Għaqda Każin Banda San Filep lid-Dottoressa Marisa Calisti, kelliema prinċipali fis-simposju tat-2 ta' Ġunju 2008. Min jaf kemm hemm każi oħrajn fejn devoti ta' San Filep bagħtu statwi lil qrabathom emigranti barra minn Malta.
3. Hemm immaġini oħra fejn San Filep jidher b'salib żgħir f'id waħda u bil-vanġelu fl-oħra, jirfes b'riġlejh lix-xitan taħt il-forma umana. Jeżistu statwi żgħar ta' din il-forma f'kollezzjonijiet privati, fid-dar Parrokkjali u fis-sagristija tal-Knisja Arċipretali, it-tnejn f'Ħaż-Żebbuġ. F'din il-forma wkoll hemm statwa f'niċċa fi Triq Imdina u oħra fil-Kumpless Monte Kristo, Ħal Farruġ.



*Triq il-Madonna*



*Kantuniera bejn Triq il-Grazzja u Triq Sidtna tal-Anġli*




*Triq il-Ħali*

Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851